Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Att t'Akkuza numru 17/2017

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Darren Debono

Illum 26 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 17 tas-sena 2017 migjuba fil-konfront tal-akkuzat Darren Debono, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 247477M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

Illi fl-4 ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), Joseph Mallia, Carmelo Oliveri u Joseph Mangion, ilkoll aġenti tas-sigurta adetti mal-kumpanija tas-Sigurta' bl-isem Security Services Malta Ltd (SSML) kienu inkarigati sabiex jiġbru flejjes f'ammont konsiderevoli mill-Bank Ċentrali ta' Malta u jġorruhom permezz tal-*Cash in Transit* van tal-għamla Fiat Ducato u bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE137, u dan sabiex jittrasportaw dawn il-flejjes lejn il-fergħa ewlenija tal-Bank HSBC li jinstab f'Ċentru Rużar Briffa ġewwa Ħal-Qormi. L-ammont tal-flejjes li kien qed jinġarr kien ta' madwar żewġ milljuni u tmien mitt elf Euro fi flus (€2,800,000) u għaldaqstant kien ben jezorbita l-valur ta' elfejn tlett mija u disa' u għoxrin Euro u seba' u tletin ċenteżmu (€2329.37).

Illi ġara li dakinhar l-istess impjegati kienu ġabru l-flus destinati għall-Bank HSBC f'Ċentru Ruzar Briffa mill-Bank Ċentrali ta' Malta u waqt li dawn kienu fi traġitt tagħhom, speċifikatament fl-akwati tal-iskola fi Triq Ħal-Qormi, Santa Venera, ħareġ vann quddiemhom li ostakola l-passaġġ tagħhom u liema vann li rriżulta li kien rappurtat misruq, kien tal-għamla Mitsubishi Pick up bin-numri ta' reġistrazzjoni CAF197 iżda li kienet qed turi tarek foloz bin-numru EBL831 ukoll debitament misruqa. F'daqqa waħda, minn dan il-vann ħarġu numru ta' persuni mgħammda bil-balaklava u armati bi snieter li marru għal fuq il-Cash Transit Van li dakinhar kien misjuq minn Joseph Mallia u fl-istess waqt ħarġet gaffa minn fuq in-naħa tal-lemin li saqet għal fuq il-vann tas-Sigurta imsemmi bl-iskop li jippenetraw l-aċċessi tal-vann u filfatt bdiet timbotta u tolza l-istess Cash Transit Van filwaqt li Joseph Mallia, Carmelo Oliveri u Joseph Mangion kienu għadhom ġo fiha. Apparti minn hekk minn investigazzjonijiet ulterjuri rriżulta li kien hemm ukoll vettura oħra (vann tal-għamla Toyota Liteace bin-numru DBL081) kif ukoll mutur (Typhoon Piaggio bin-numru FAF062 li kienet qed turi tarek foloz bin-numru DBF915) li ġew fuq il-post dak il-ħin u li kienu involuti f'dan l-attentat ta' serq u dan apparti vann ieħor tal-għamla Isuzu bin-numri GBB521 u li kienet qed tindika tareġ foloż bin-numru BAV516 li kienet qed timblokka triq oħra fl-akwata senjatament Triq is-Sebħ, Ħal-Qormi li tagħti għal ġo triq Ħal-Qormi fejn kien qed jiġi kommess dan id-dellitt.

Illi nel frattempt wieħed mill-malviventi beda jħabbat fuq it-tieqa tal-Cash Transit van sabiex din tinfetaħ filwaqt li l-aggressuri l-oħra daru mal-istess vann u b'armi tan-nar ippuntati lejn l-istess vann. Irriżulta mill-investigazzjonijiet li ġew anki sparati xi tiri fid-direzzjoni tal-okkupanti tal-vann iżda fortunatament il-ħġieġ kien *bullet proof* u għaldaqstant ħadd mill-addetti mas-Security Services ma soffrew ġrieħi jew agħar minn hekk. Irriżulta wkoll li fil-kors ta' din l-aggressjoni l-gaffa li daħlet fuq il-vann in kwistjoni inkissret u weħlet mal-vettura u minħabba f'hekk l-azzjoni kriminali ġiet ostakolata. Fil-pront u ftit il-bogħod ġie vann ieħor li malli avviċina x-xena tad-dellitt, wasal sabiex l-malviventi telqu minn fuq il-post biex jaħarbu. Di piu minn analiżi forensika li saret fuq flixkun li instab fil-vettura Mitsubishi Pick up li ntuża in konnessjoni ma din is-serqa mid-delinkwenti msemmija u li ġie indikat iktar il-fuq,

irriżulta l-profil ġenetiku ta' Daren Debono qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri, li indikat l-involviment attiv tiegħu fil-kummissjoni ta'dan id-dellitt.

Illi kwindi minħabba ċ-ċirkostanzi aċċidentali u indipendenti mir-rieda tal-aggressuri inkluż l-akkużat Debono, kemm minħabba l-fatt li l-addetti mal-vann baqgħu jirrezistu l-aggressjoni u ma ċedewx għall-minaċċi tal-malviventi, kif ukoll minħabba l-gaffa li inkisret u li ma setgħatx taqdi l-funzjoni tagħha ai fini tas-serqa, d-delitt intenzjonat u mibdi fl-eżekuzzjoni tiegħu ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u xorta tal-ħaġa misruqa fuq it-Cash Transit Van u l-kontenut tiegħu, ma ġiex ikkunsmat.

Illi b'għemilhu Daren Debono, sar ħati bħala talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħala ko-awtur ikkometta tentattiv ta' serq u dan billi wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie kommess kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza (tentattiv t'omiċidju/sekwestru ta' persuna, iktar minn żewġ persuni u/jew użu ta' armi), mezz (tibdil fil-wiċċ u sura, libes maskra, imfietaħ foloz) valur (li jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jezorbita l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Daren Debono, ħati talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), ikkometta bħala ko-awtur tentattiv ta' serq u dan billi wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dani id-delitt, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie kommess kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza (tentattiv t'omiċidju/sekwestru ta' persuna, iktar minn żewġ persuni u użu ta' armi), mezz (tibdil fil-wiċċ u sura, libsu maskra), bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi

huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn sitt snin (6) u mhux iktar minn għoxrin sena (20) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 273, 275, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281(a), 23, 23A, 31(1)(a)(b) 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:**

Illi b'referenza u fl-istess ċirkostanzi indikat fil-kap precedent ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' fir-raba (4) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), matul it-tentattiv ta' serqa fuq il-Cash Vann bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE137 irriżulta mill-investigazzjonijiet li d-delinkwenti nvoluti f'din is-serqa, fosthom l-akkużat, sparaw diversi tiri fid-direzzjoni tal-istess Cash Vann ġewwa liema van kien għad hemm Joseph Mallia, Carmelo Oliveri u Joseph Mangion, u liema tiri filfatt ġew immirati fid-direzzjoni tagħhom u dan sar bl-intenzjoni doluża li dawn l-addetti jinqatlu jew li l-ħajja tagħhom jitqiegħed f'periklu ċar. Infatti, meta l-pulizija eżekuttiva u nvestigattiva wasslu fuq il-post, innutaw diversi skrataċċ mal-art kemm ta' armi żgħar kif ukoll skrataċċ tal-kaċċa u rriżulta wkoll li matul dawn l-isparaturi l-addetti mal-cash vann f'ebda mod ma rritaljaw billi sparaw xi tiri huma da parti tagħhom. Fortunatament il-ħġieġ tal-vann in kwistjoni kien *bullet proof* u għaldaqstant minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-aggressuri ħadd mill-addetti mas-Security Services ma soffra ġrieħi jew inqatel.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħala ko-awtur ikkometta tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta'

omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħal ko-awtur ikkometta tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn seba' snin (7) u mhux aktar minn tletin sena (30) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 23A, 41(1)(a), 211(1)(2), 49, 31(1)(a)(b) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tielet u ipremetta:**

Illi b'referenża għall-kapi precedent ta' din l-Att tal-Akuża, u ċioe fir-raba (4) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), bil-għan li l-aggressuri fosthom l- akkużat Debono jieħdu l-kontroll assolut tal-persuni li kienu fil-cash vann imsemmi bil-għan li dawn l-individwi ma jirresistewx is-serqa tal-flus konsiderevoli li kien qed jinġarr ġewwa din l-istess vettura kif indikat preċedentement u liema serqa minħabba raġunijiet indipendenti u aċċidentali mir-rieda tal-istess aggressuri ma ġietx ikkunsmata, irriżulta li qabel din is-serqa ġiet sfrattata l-aggressuri kienu ħadu l-kontroll b'mod illegali u mingħajr l-ebda awtorita li tippermettilhom ta' Joseph Mallia, Carmelo Oliveri u Joseph Mangion li kienu u filfatt baqgħu ġewwa l-cash vann in kwistjoni waqt l-aggressjoni diretta lejhom u lejn l-istess vann bil-mezzi msemmija fl-ewwel Kap. Jirriżulta b'mod ċar minn dak spjegat illi l-istess delinkwenti involuti, fosthom l-akkużat msemmi użaw l-armi li kienu fil-pussess tagħhom sabiex jintimidaw lill-vittmi kollha msemmija b'tehdid ta' offiżi fuq il-persuna tagħhom u ta' mewt fin-nuqqas ta' kooperazzjoni

magħhom bil-għan tas-serqa tal-flus mill-cash van. Effettivament dan kollu kien sar sabiex id-delinkwenti fosthom l-akkużat jkollhom kontroll fisiku u psikoloġiku fuq il-vittmi tagħhom u bil-għan ta estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra mill-cash van dejjem kontra r-rieda tal-istess vittmi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar hati bħala ko-awtur talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta tagħhom, jew ta l-post biex fiħ dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrati, b'dan illi l-persuni arrestati, miżmuma jew issekwestrati ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom jew mhedda bil-mewt u/jew id-dellitt ikun sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex il-persuni oħra jkunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta tagħhom, jew ta l-post biex fiħ dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrati, b'dan illi il-persuni arrestati, miżmuma jew issekwestrati ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom jew mhedda bil-mewt u/jew id-dellitt ikun sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex il-persuni oħra jkunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn tlett snin (3) u mhux inqas minn tlettax il-xahar (13) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(c)(e), 17, 23, 23A, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ipremetta:**

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża, partikolarment fl-ewwel kap u f'dawk sussegwenti ċioe' fir-raba (4) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), jirriżulta li l-akkużat Daren Debono bħala ko-awtur uża vjolenża fil-konfront tal-vittmi Joseph Mallia, Carmelo Oliveri u Joseph Mangion li kienu fil-cash van bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE137 matul it-tentattiv ta' serqa li kienet qed issir fuq l-istess. Evidentement, konsiderando wkoll il-*modus operandi* dwar kif saret din l-aggressjoni kif deskritt preċedentement u anki n-numru ta' delinkwenti nvoluti ilkoll armati u mgħammda, fosthom l-akkużat Debono, din l-aggressjoni kienet indubjament waħda ferm vjolenti sabiex l-istess Mallia, Oliveri u Mangion jiġu mġiegħla jippermettu li s-serqa tiġi kkunsmata mingħajr ma jostakolaw li l-istess iseħħ.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħala ko-awtur, uża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħala ko-awtur, uża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn seba' xhur (7) u mhux iktar minn tlett snin (3) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 251(1)(2), 250(1)(2), 23, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Hames Kap ipremetta:**

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża, partikolarment fl-ewwel kap u f'dawk sussegwenti ċioe' fir-raba (4) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu

(9:30am), ġewwa Ħal-Qormi, jirriżulta li l-akkużat Daren Debono bħala ko-awtur, kellu diversi armi fil-pussess tiegħu konsistenti f'armi tan-nar ta' għamliet differenti fosthom pistola u senter kif jirriżulta mill-iskrataċċ sparati li nstabu fuq ix-xena tad-dellitt u liema armi intużaw sabiex jassistu lill-malviventi, fosthom Debono, fit-tentattiv ta' serq u fit-tentattiv ta' omiċidju ta' Joseph Mallia, Carmelo Oliveri u Joseph Mangion matul it-tentattiv tal-imsemmija serqa. B'hekk jirriżulta li fil-mument tat-tentattiv ta' serq kif debitament aggravat kif ukoll waqt il-kummissjoni tar-reati l-oħra kif indikati, l-akkużat kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar, liema arma ġiet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmija delitti volontarji.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), filwaqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna jew ta' serq, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari, jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħala ko-awtur, filwaqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna jew ta' serq, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari, jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti u dan mingħajr għan leġittimu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin (4) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a) u 56 ta' L-Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 23, 23A, 31, 49, 64 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Sitt Kap ipremetta:**

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża, partikolarment fl-ewwel kap u fil-ħames kap u ċioe' fir-raba (4) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am),

ġewwa Ħal-Qormi, rriżulta wkoll li apparti li l-akkużat ġar arma fil-kors tal-kummissjoni ta' reat/i li fihom u kif spjegat, hu kien involut, u dan mingħajr l-ebda għan leġittimu, dawn l-armi ġew sparati fid-direzzjoni tal-vittmi Joseph Mallia, Carmelo Oliveri u Joseph Mangion filwaqt li dawn kienu ġewwa il-Cash Van wara li dan l-istess van kien ġie ostakolat fi triqtu lejn Ċentru Rużar Briffa, Ħal-Qormi, senjatament ġewwa Triq Ħal-Qormi, Santa Venera. Infatti meta l-investigaturi wasslu fuq il-post innutaw diversi skrataċċ mal-art fil-viċinanzi tal-istess *cash van*, fosthom *live round*, liema tiri fortunatament ma ppenetrawx il-vann u ma kkaġunawx ġrieħi jew agħar minn hekk fil-konfront tal-persuni li kienu għadhom fil-vann matul l-aggressjoni kollha u dan minħabba l-fatt li l-vann in kwistjoni kien armat bi ħġieġ *bullet proof*. M'hemm l-ebda dubbju lanqas li Triq Ħal-Qormi hija triq pubblika li tinstab ġewwa Santa Venera u li hija żona abitata.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħala ko-awtur, ġarr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew li spara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjali.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati talli nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010), bħala ko-awtur, ġarr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew li spara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjali; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux anqas minn mija u sittax il-Euro u sitta u erbgħin ċentenzmu (€116.46) u mhux iktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 18(2)(a) u 27(3)(a)(or b) tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Avviż Legali 79 tas-sena elfejn u sitta (2006) kif ukoll fl-artikoli 23, 23A, 31 u 533 tal-

Kodiċi Kriminali (Kap 9) tal-Liġijiet ta' Malta jew kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Seba' Kap ipremetta:**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fir-raba jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am), filwaqt li d-delikwenti fosthom l-akkużat Debono kienu qedgħin jagħmlu t-tentattiv vjolenti tas-serqa fuq il-cash vann in kwistjoni, senjatament waqt li l-istess delinwkenti sparaw fid-direzzjoni tal-istess cash vann kif ukoll meta dan il-cash vann ġie olzat mill-gaffa li ntużat mid-delinkwenti bit-tir li forsi dan l-istess vann jinfetaħ sabiex jinsterqu l-flejjes minn ġo fiha, il-cash vann in kwistjoni tal-għamla Fiat Ducato bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE137 soffra diversi danni liema ħsarat irriżultaw li kellhom il-valur ammontanti għal elfejn u ħames mitt Euro (€2,500).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli fuq il-vann tas-sigurta' Fiat Ducato, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE137, b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli senjatament vann tas-sigurta' tal-għamla Fiat Ducato bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE137, b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xahar (13) sa erba (4) snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(a), 12, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tmien Kap ipremetta:**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fir-raba (4) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am), irriżulta wkoll li meta l-gaffa olzat il-vann tas-sigurta Fiat Ducato GBE137, dan il-vann kien tmexxa bil-forza fid-direzzjoni ta' vetturi oħrajn li kienu pparkjati fl-akwata ta' fejn kien qed iseħħ dan it-tentattiv ta' serq u liema vetturi wkoll subew ħsarat konsiderevoli minħabba t-tentattiv ta' serq aggressiv li ġie kommess mid-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono kif preċedentement indikat. Fost dawn il-vetturi kien hemm karrozza tal-għamla Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni FIO228 u li kienet tgħajjat lil Fiona D'Agostino bħala s-sid tagħha. Infatti minħabba t-tentattiv ta' serqa u l-*modus operandi* vjolenti tal-istess kif hawn fuq deskritt, din il-karrozza instabet fi stat imkisser u rriżulta wkoll li kienet intlaqlet u spiċċat f'nofs tat-triq bid-daqqiet li qalat b'manjiera volontarja matul il-kummissjoni tat-tentattiv ta' serqa. Wara li saru l-analizi meħtieġa irriżulta li l-valur tal-ħsarat inkorsi fuq din il-vettura kien jammonta għal erbat elef u mitejn Euro (€4,200).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli senjatament karrozza tal-għamla Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni FIO228, b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli karrozza tal-għamla Volkswagen Polo bin-numru ta' reġistrazzjoni FIO228, b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xahar (13) sa erba (4) snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli

325(1)(a), 12, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fid-Disa' Kap ipremetta:**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment l-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fir-raba jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am), irriżulta li fost vetturi li ntużaw mid-delinkwenti, fosthom l-akkużat Debono, kien hemm vettura Mistubishi liċenzjata fuq in-numru CAF197 iżda li kienet qed tindika pjanċi bin-numri EBL831. Din il-vettura intużat sabiex timblokka l-vann tas-sigurta li kien qed iġorr il-flus li l-malviventi flimkien mal-akkużat ippruvaw jisirqu mill-addetti li kienu fil-vann kif spjegat preċedentement. Infatti mix-xena tad-dellitt din il-vettura instabet maħbuta bil-parti ta' wara tagħha fil-ġenb tal-vann tas-sigurta. Irriżulta wkoll li din il-vettura kif ukoll il-pjanċi tagħha kienu insterqu qabel il-kummissjoni ta' din is-serqa. Infatt il-vann Mistubishi in kwistjoni kienet tappartjeni lil Joseph Camilleri u kienet ġiet irrapurtata nieqsa bejn il-lejl ta' nhar it-tmienja u għoxrin u d-disgħa u għoxrin jum (28-29) ta'Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) minn Triq is-Sindku P. Vella, Ħaż-Żebbuġ. Illi minħabba li din il-vettura intużat sabiex taħbat ġewwa l-vann tas-sigurta in kwistjoni bil-għan li l-istess vann tas-sigurta' jiġi ostakolat, il-vettura Mitsubishi subiet danni konsiderevoli li bħala valur ta' ħsarat jammontaw għal madwar seba' mitt Euro (€650).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli senjatament vann Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni CAF197, b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri l-mija u sittax l-Euro u s-sebgħa u erbgħin ċentezmu (116.47) iżda ma kienx jiskorri l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq

ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli senjatament vann Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni CAF197 b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri l-mija u sittax il-Euro u s-sebgħa u erbgħin ċentezmu (116.47) iżda ma kienx jiskorri l-elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn ħames (5) xhur u mhux aktar minn sena (1) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 12, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fl-Ghaxar Kap ipremetta:**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am), irriżulta li fil-kors ta' dan it-tentattiv ta' serq kienet intużat ukoll vettura tal-għamla Toyota Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni KBF498 li minn analiżi li kien sar matul l-investigazzjoni kienet tgħajjat lil Etienne Xuereb. Din il-karrozza filfatt kienet insterqet minn sidha fis-sena elfejn u tmienja (2008) u kienet ġiet użata bħala waħda mill-vetturi ai fini tat-tenattiv ta' serqa ġewwa Triq Ħal-Qormi, Santa Venera, liema tentattiv ta' serqa ġiet kommessa mid-delinkwenti kif spjegat preċedentement, fosthom l-akkużat Debono. Din l-istess vettura kienet instabet maħruqa wara t-tentattiv msemmi ġewwa Triq Luqa Briffa, Gżira, u minħabba l-istat tal-ħsarat inkorsi minnha, meta reġgħet ġiet ritornata lill-sidha, din kellha tiġi skrappjata minnu. Skond il-kumpanija assikuratriċi il-valur tal-vettura in kwistjoni fil-mument meta' ġiet skrappjata kien jammonta għal ħamest elef, ħames mija sebgħa u disgħin Euro u ħames ċenteżmi (€5,597.05).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli

senjatament Toyota Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni KBF498, b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli senjatament Toyota Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni KBF498, b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xahar (13) sa erba (4) snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(a), 12, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Hdax-il Kap ipremetta:**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fir-raba (4) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am), irriżulta wkoll li meta l-gaffa olzat il-vann tas-sigurta Fiat Ducato GBE137, dan il-vann kien tmexxa bil-forza fid-direzzjoni ta' vetturi oħrajn li kienu pparkjati fl-akwata ta' fejn kien qed iseħħ dan it-tentattiv ta' serq u liema vetturi wkoll subew ħsarat konsiderevoli minħabba t-tentattiv ta' serq aggressiv li ġie kommess mid-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono kif preċedentement indikat. Apparti minn hekk il-vann Mitsubishi bil-pjanċi oriġinali CAF197 fil-kors ta' din il-manuvra aggressiva fuq il-vann tas-sigurta spiċċat marsusa fuq numru ta' vetturi pparkjata fiz-zona li konsegwezjalment soffrew ħsarat estensivi. Fost dawn il-vetturi kien hemm karrozza tal-għamla Ford KA bin-numru ta' reġistrazzjoni VEE078 u li kienet tgħajjat lil Willliam Caligari bħala s-sid tagħha. Infatti minħabba t-tentattiv ta' serqa u l-*modus operandi* vjolenti tal-istess kif hawn fuq deskritt, din il-karrozza subiet ħsarat fuq il-parti ta' quddiem tagħha fuq in-naħa leminija meta' ġiet maħbuta u marsusa bil-parti ta' wara tax-xelluġ tal-vann Mitubishi li kif preċedentement imsemmi kien ukoll involut u uzat mid-delinkwenti fit-tentattiv

doluz u volontarju tad-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono matul il-kummissjoni tat-tetattiv ta' serqa mertu ta' dan il-kaz. Wara li saru l-analiżi meħtieġa irriżulta li l-valur tal-ħsarat inkorsi fuq din il-vettura kien jammonta għal erba mija sitta u sittin Euro (€466).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli senjatament vettura tal-għamla Ford Ka bin-numru ta' reġistrazzjoni VEE078 b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri l-mija u sittax l-Euro u s-sebgħa u erbgħin ċentezmu (116.47) izda ma tiskorrix l-elf mija u l-erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli senjatament vettura tal-għamla Ford Ka bin-numru ta' reġistrazzjoni VEE078 b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri l-mija u sittax l-Euro u s-sebgħa u erbgħin ċentezmu (116.47) izda ma tiskorrix l-elf mija u l-erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn ħames (5) xhur u mhux aktar minn sena (1) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 12, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tnax-il Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fir-raba (4) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am), jidher li apparti l-vetturi msemmija li kienu involuti fit-tentattiv ta' serqa kif imsemmija u kommessa mid-delinkwenti fosthom l-akkuzat Debono, irriżulta wkoll li aktar lura minn fejn instabet

il-gaffa maħbuta fuq in-naħa ta' wara tas-security van in kwistjoni, kien hemm vettura oħra involuta, senjatament panel van tal-għamla Toyota Hilux li kienet qed turi n-numri oriġinali tagħha senjatament BBL081. Dan il-vann instab miftuħ u fuq ġewwa tiegħu kien hem bidu ta' ħruq speċjalment fuq in-naħa tas-siġġu tal-passiġier. Kaġun tan-nar, it-tapezzerija kollha ta' din il-vettura inkluza tas-saqaf subiet ħsarat estensivi. Anki f'dan il-kaz dan il-vann kien irrapurtat misruq minn Triq il-Madonna tal-Ġebla, Gzira fil-lejl bejn l-ewwel u t-tieni jum (1-2) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009) a detriment ta' Joseph Borg. Wara li saru l-analizi meħtieġa irriżulta li l-valur tal-ħsarat inkorsi fuq din il-vettura kien jammonta għal disa mija u tletin Euro (€930).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament panel van tal-għamla Toyota Hilux bin-numri ta' reġistrazzjoni BBL081, b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament panel val tal-għamla Toyota Hilux bin-numri ta' reġistrazzjoni BBL081, b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn ħames (5) xhur u mhux aktar minn sena (1) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 12, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali

jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tlettax-il Kap ipremetta:**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fir-raba (4) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am), jidher li l-gaffa li ntuzat sabiex tolza l-vann tas-sigurta' għall-finijiet illeċiti kif deskritt preċedentement kienet instabet fuq wara ta' dan il-vann fejn kienet tal-għamla Mitsubishi WST200 li ma kellha l-ebda tarek fuqha. Infatti minn stħarriġ irriżulta li din il-gaffa kienet insterqet minn razzett fl-inħawi tal-Binġemma matul il-ħin ta' bil-lejl bejn il-ħames u s-sitt jum ta' (5-6) Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) skond kif irrapurtat nhar is-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) fejn skond stħarriġ magħmul irrizulta li t-tarek tal-gaffa in kwistjoni kienu propjament iġibu n-numru JBI289 u kienet tgħajjat lil David Bugeja. Bħala ħsarat din il-gaffa kienet instabet bil-*bucket* mgħolli u marsus fuq wara tal-vann tas-sigurta x'aktarx bil-għan li jinfetaħ u jiċċarrat il-panel ta' wara tal-istess vann tas-sigurta izda liema tentattiv kien falla. Minħabba din il-manuvra l-gaffa wkoll subiet danni konsiderevoli li bħala valur kien jammonta għall-fuq minn elf Euro (€1000).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament gaffa tal-għamla Mitsubishi WST200, b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament gaffa tal-għamla Mitsubishi WST200, b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u

disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn ħames (5) xhur u mhux iktar sena (1) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 12, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fl-Erbatax-il Kap ipremetta:**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fir-raba (4) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am), jidher li madwar mil il-bogħod minn fejn kien sar it-tentattiv, speċifikament ġewwa Triq San Ġwakkin kien instab vann kbir tal-għamla Toyota Liteace li kienet qed turi n-numru ta' reġistrazzjoni BBI975 u li kienet maħkuma min-nar estensiv kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa. Propjament it-tarek ta' din il-vettura oriġinali kienu LCF219 filwaqt li l-vettura in kwistjoni kienet insterqet minn Triq il-Vittorja, Ħal-Qormi nhar it-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u kienet tgħajjat lil Carmelo Micallef. Fir-rigward tal-ħsarat ikkaġunati dawn kienu estensivi sal-punt li l-vann ġie distrutt għall-kollox. Il-valur ta' din il-vettura qabel ġarrab dan in-nar doluz kien jammonta għal sebat elef Euro (€7000).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament vann tal-għamla Toyota Liteace bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF219, b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament vann tal-għamla Toyota

Liteace bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF219 b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax il-xahar (13) sa erba (4) snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(a), 12, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Hmistax-il Kap ipremetta:**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment fl-ewwel kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u ċioe fir-raba jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am), irriżulta wkoll li meta l-Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni CAF197 daħħal bil-parti warranija tiegħu għal ġol-ġenb ta' quddiem tal-vann tas-sigurta Fiat Ducato GBE137, il-parti xellugija ta' quddiem tal-istess vann kien daħal fuq vettura oħra ipparkjata fl-akwata ta' fejn kien qed iseħħ dan it-tentattiv ta' serq u liema vettura subiet ħsarat konsiderevoli minħabba t-tentattiv ta' serq aggressiv li ġie kommess mid-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono kif preċedentement indikat. Infatti din il-vettura kienet tal-għamla Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni AAB447 li tappartjeni lil Alfred Zahra. Riultanza ta' dan l-impatt din il-vettura subiet ħsarat li bħala valur ta' danni ammontaw għal elf u mitejn Euro (€1,200).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament vettura tal-għamla Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni AAB449, b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq

ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, senjatament vettura tal-għamla Hyundai Accent bin-numru ta' reġistrazzjoni AAB447, b'dan li l-ammont tal-ħsara ma jiskorrix elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) iżda ikun iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn ħames (5) xhur u mhux aktar minn sena (1) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 12, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Sittax-il Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-fatti kif miġjuba partikolarment b'referenża għaċ-ċirkostanzi kif imsemmija fl-ewwel kap ta' din l-att tal-akkuża, u ċioe fir-raba (4) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am), in vista tal-fatt li l-aggressuri fosthom l-akkużat Debono bħala ko-awtur, kienu uzaw diversi armi tan-nar konsistenti f'armi tan-nar ta' għamliet differenti fosthom pistola u senter kif jirriżulta mill-iskrataċċ sparati li nstabu fuq ix-xena tad-dellitt, matul it-tentattiv ta' serqa li saret fuq il-vann tas-sigurta' tal-għamla Fiat Ducato bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE137, tant illi filfatt ikkaġunaw anki ħsarat estensivi fuq diversi vetturi meta effettivament sparaw dawn l-armi anki matul it-tentattiv ta' omiċidju fil-konfront tal-persuni addetti mal-vann tas-sigurta' senjatament Joseph Mallia, Carmelo Oliveri u Joseph Mangion, irriżulta li l-akkużat kien fil-pussess ta' arma tan-nar u dan mingħajr ma kien liċenzjat li jzomm l-istess u li kwindi kienet fil-pussess tiegħu kontra l-liġi. Filfatt dan ġie anki vverifikat minn rappreżentanti tal-'*weapons office*' li kkonfermaw li l-akkużat Debono ma kellu l-ebda liċenzja biex iżomm l-imsemmija arma.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr arma tan-nar jew

munizzjon barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu u dan mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati talli, bħala ko-awtur, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr arma tan-nar jew munizzjon barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu u dan mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlett xhur (3) u mhux iżjed minn ħames snin (5) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5(1) u 51(2)ta' l-Att dwar l-Armi (Kap 480), u l-artikoli 23, 23A, 49 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Sbatax-il Kap ipremetta:**

Illi mill-investigazzjoni li saru wara t-tentattiv ta' serqa fuq il-vann tas-sigurta ta' nhar l-erbgħa ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) li fiha kien involut ukoll bħala ko-awtur l-akkuzat Daren Debono, irrizulta lill-pulizija illi minn fost il-vetturi li ntuzaw matul dan it-tentattiv, il-mutur tal-għamla Piaggio bin-numru ta' reġistrazzjoni DBF915 kienet filfatt propjeta' ta' Michael Vella u li kien safa misruq minn dan il-mutur nhar il-5 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta ta' bejn id-disgħa u nofs ta' filgħodu u s-siegħa nieqes kwart ta' wara nofsinhar tal-istess jum filwaqt li dan il-mutur kien jinstab ipparkjat ġewwa Triq il-Vitorja, Ħamrun u dan mingħajr l-ebda permess ta' parti ta' sidha jew ta min kellu l-kontroll ta' dan il-mutur f'dak il-waqt. Irrizulta wkoll li l-valur ta' dan il-mutur kien ta' madwar disa' mitt Euro u b'hekk ma kienx jeċċedi l-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli fil-5 ta' Ottubru, 2006 bejn id-9:30am u 12:45pm minn Triq il-Vitorja, Ħamrun, ikkometta serq ta' mutur Piaggio, bin-numru ta' reġistrazzjoni DBF915, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz,

valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Michael Vella u/jew persuni oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, bħala ko-awtur, talli fil-5 ta' Ottubru, 2006 bejn id-9:30am u 12:45pm minn Triq il-Vitorja, Ħamrun, ħati talli kkometta serq ta' mutur Piaggio, bin-numru ta' reġistrazzjoni DBF915, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Michael Vella u/jew persuni oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn ħames xhur (5) u mhux iżjed minn tlett snin (3), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 267, 271(g), 278(1)(3), 279(1)(a), 280(2) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli 23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tmintax-il Kap ipremetta:**

Illi mill-investigazzjoni li saru wara t-tentattiv ta' serqa fuq il-vann tas-sigurta ta' nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) li fiha kien involut ukoll bħala ko-awtur l-akkuzat Daren Debono, irrizulta lill-pulizija illi minn fost il-vetturi li ntuzaw matul dan it-tentattiv, il-vann tal-għamla Isuzu NKR bin-numru ta' reġistrazzjoni GBB521 kienet filfatt insterqet bl-affarijiet kollha li kien hemm ġo fiha bejn it-tlettax (13) u l-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) a detriment ta' Lawrence Bonnici fil-kapaċita' tiegħu bħala direttur tal-fabbrika J&A Bonnici Limited filwaqt li kienet tinstab fil-fabbrika tal-istesss soċjeta J&A Bonnici

Limited li jinstab ġewwa l-qasam Industrija ta' Kordin fil-limiti ta' Raħal Ġdid u dan mingħajr l-ebda permess jew kunsens ta' sidha jew ta' min kien fil-kontroll tal-istess vettura. Irrizulta li l-fabbrika kienet ġiet sgassata fejn filfatt kien insteraq dan il-vann u li bħala valur dan il-vann kien ta' tmint elef erba' mija ħamsa u sittin Euro (€8465) u b'hekk kien jeċċedi l-ammont ta' l-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati talli bħala ko-awtur bejn it-13 u l-15 ta' Settembru 2008, mill-fabbrika J&A Bonnici Ltd, fil-Qasam Industrijali, Kordin, limiti ta' Raħal Ġdid, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Isuzu NKR, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBB521, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' J&A Bonnici Limited.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, bħala ko-awtur, ħati talli bejn it-13 u l-15 ta' Settembru 2008, mill-fabbrika J&A Bonnici Ltd, fil-Qasam Industrijali, Kordin, limiti ta' Raħal Ġdid, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Isuzu NKR, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBB521, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi wkoll l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' J&A Bonnici Limited; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlettax-il xahar (13) u mhux iżjed minn disa snin (9), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 267, 271(g), 278(1)(3), 279(1)(b), 280(2) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli

23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fid-Dsatax-il Kap ipremetta:**

Illi mill-investigazzjoni li saru wara t-tentattiv ta' serqa fuq il-vann tas-sigurta ta' nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) li fiha kien involut ukoll bħala ko-awtur l-akkuzat Daren Debono, irrizulta lill-pulizija illi minn fost il-vetturi li ntuzaw matul dan it-tentattiv, kienet intuzat ukoll il-vettura tal-għamla Peugeot 106 bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD182, liema vettura kienet insterqet bl-affarijiet kollha li kien hemm ġo fiha mingħand Margaret Abela fit-tletin jum (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara nofsinhar minn ġewwa Triq il-Wied, Balzan filwaqt illi kienet marret tixtri xi frott. Milli jidher sid il-vettura kienet ħalliet iċ-ċwievet fl-*ignition* ta' din il-vettura li wassal sabiex din il-vettura tinsteraq iktar faċilment. Apparti minn hekk matul it-tentattiv ta' serqa il-lewn ta' din il-vettura kienet differenti minn dik oriġinarjament peress li kienet ġiet sprejata abjad apparti li kienet qed turi tarek differenti milli kellha. Dan is-serq ma sarx bil-kunsens jew bil-permess tas-Sinjura Abela jew ta' min kellu l-kontroll tal-imsemmija vettura apparti li bħala valur din il-vettura kienet teċċedi l-ammont ta' l-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli fit-30 ta' Ottubru, 2008, għal-ħabta tas-1:15pm, minn Triq il-Wied, Balzan, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Peugeot 106, bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD182, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 kif ukoll jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Margaret Abela u/jew persuni oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, bħala ko-awtur, talli fit-30 ta' Ottubru, 2008, għal-ħabta tas-1:15pm, minn

Triq il-Wied, Balzan, sar ħati talli kkometta serq ta' vettura tal-għamla Peugeot 106, bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD182, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 kif ukoll teċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Margaret Abela u/jew persuni oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlettax-il xahar (13) u mhux iżjed minn seba snin (7), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(1)(b), 280(1) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli 23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fl-Ghoxrin-il Kap ipremetta:**

Illi mill-investigazzjoni li saru wara t-tentattiv ta' serqa fuq il-vann tas-sigurta ta' nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) li fiha kien involut ukoll bħala ko-awtur l-akkuzat Daren Debono, irrizulta lill-pulizija illi minn fost il-vetturi li ntuzaw matul dan it-tentattiv, il-vettura tal-għamla Toyota Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni KBF498 kien insteraq nhar l-erbgħa (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) minn Triq Birbal ġewwa Ħal-Balzan a detriment ta' Etienne Xuereb wara li sidha kien ipparkja din il-vettura biċ-ċwievet ġo fiha waqt li kien qiegħed ix-xogħol. Din il-vettura kienet ittieħdet bl-affarijiet kollha li kien hemm ġo fiha mingħajr il-permess jew il-kunsens ta' sidha jew ta' min kellu l-kontroll tagħha matul il-mument tas-serqa in kwistjoni apparti li bħala valur il-vettura in kwistjoni kienet teċċedi l-ammont ta' l-elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati talli bħala ko-awtur talli fl-4 ta' Novembru 2008, bejn l-4:45pm u 5:45pm minn Triq Birbal, Balzan, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Corsa, bin-numru ta' reġistrazzjoni KBF498, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin

ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Etienne Xuereb u/jew ta' xi persuna jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, bħala ko-awtur, ħati talli fl-4 ta' Novembru 2008, bejn l-4:45pm u 5:45pm minn Triq Birbal, Balzan, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Corsa, bin-numru ta' reġistrazzjoni KBF498, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Etienne Xuereb u/jew ta' xi persuna jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlettax-il xahar (13) u mhux iżjed minn seba snin (7), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(1)(b), 280(2) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli 23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Wiehed u Ghoxrin Kap ipremetta:**

Illi mill-investigazzjoni li saru wara t-tentattiv ta' serqa fuq il-vann tas-sigurta ta' nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) li fiha kien involut ukoll bħala ko-awtur l-akkuzat Daren Debono, irrizulta lill-pulizija illi minn fost il-vetturi li ntuzaw matul dan it-tentattiv, il-vann tal-għamla Toyota Liteace bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF219 kienet sfat misruqa minn ġewwa Triq il-Votorja, Qormi nhar it-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) bejn il-ħdax ta' filgħodu u s-siegħa nieqas kwart ta' wara nofsinhar (11am-12:45pm) u dan a detriment ta' Gordon Micallef. Din il-vettura kienet ilha pparkjata fit-triq minn fejn insterqet mis-sebgħa nieqes kwart ta' filgħodu tal-istess jum fejn kienet tinstab ipparjkata u msakkra. Dan il-vann ttieħed bl-affarijiet kollha li kien hemm ġo fiha mingħajr il-kusens jew il-

permess ta' sidha u bħala valur kienet tiswa l-fuq minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentezmu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati talli bħala ko-awtur talli fit-13 ta' Mejju 2009, bejn il-11am u 12:45pm minn Triq il-Vitorja, Qormi, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Liteace, bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF219, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Gordon Micallef u/jew ta' xi persuna jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, bħala ko-awtur, ħati talli fit-13 ta' Mejju 2009, bejn il-11am u 12:45pm minn Triq il-Vitorja, Qormi, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Liteace, bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF219, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Gordon Micallef u/jew ta' xi persuna jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlettax-il xahar (13) u mhux iżjed minn disa snin (9), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 267, 271(g), 278(1)(3), 279(1)(b), 280(2) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli 23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tnejn u Ghoxrin Kap ipremetta:**

Illi mill-investigazzjoni li saru wara t-tentattiv ta' serqa fuq il-vann tas-sigurta ta' nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) li fiha kien involut ukoll bħala ko-awtur l-akkuzat Daren Debono, irrizulta lill-pulizija illi minn fost il-vetturi li

ntuzaw matul dan it-tentattiv, il-vann tal-għamla Toyota Liteace bin-numru ta' reġistrazzjoni BBL081 kien safa misruq bejn l-ewwel u t-tieni jum ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009) minn Triq il-Madonna tal-Ġebla, Gzira a detriment ta' Joseph Borg. Din il-vettura ttieħdet mingħajr il-kunsens jew il-permezz ta' sidha jew ta' min kellu l-kontroll tagħha fil-mument tas-serq senjatament filwaqt li kienet ipparkjata fit-triq imsemmija għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija mill-ewwel jum (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u fejn kien sabha nieqsa bl-affarijiet kollha li kien hemm ġo fiha l-għada filgħodu għall-ħabta tas-sebgħa (7am). Irrizulta wkoll li bħala valur din il-vettura ma kinitx teċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli bejn l-ewwel (1) u t-tieni (2) jum ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa, minn Triq il-Madonna tal-Ġebla, Gżira, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Liteace, bin-numru ta' reġistrazzjoni BBL081, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' Joseph Borg u/jew persuna u/jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, bħala ko-awtur, talli bejn l-ewwel (1) u t-tieni (2) jum ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa, minn Triq il-Madonna tal-Ġebla, Gżira, sar ħati talli kkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Liteace, bin-numru ta' reġistrazzjoni BBL081, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' Joseph Borg u/jew persuna u/jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn ħames xhur (5) u mhux iżjed minn tlett snin (3), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli

261(b)(c)(g)(f), 263, 264, 265, 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(1)(a), 280(2) u 281(b) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli 23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tlieta u Ghoxrin Kap ipremetta:**

Illi mill-investigazzjoni li saru wara t-tentattiv ta' serqa fuq il-vann tas-sigurta ta' nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) li fiha kien involut ukoll bħala ko-awtur l-akkuzat Daren Debono, irrizulta lill-pulizija illi minn fost il-vetturi li ntuzaw matul dan it-tentattiv, il-mutur tal-għamla Typhoon bin-numru ta' reġistrazzjoni FAF062, kien safa misruq nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Lulju tas-sena elfejn u disgħa (2009) bejn it-tlieta u nofs u l-ħamsa u kwart ta' wara nofsinhar minn ġewwa Vjal l-Indipendenza iz-Zurrieq a detriment ta' Dylan Caruana li kien ħalla l-istess mutur ipparjkat fl-istess triq minn fejn insterqet. Din il-vettura ttieħdet mingħajr il-kunsens jew il-permezz ta' sidha jew ta' min kellu l-kontroll tagħha fil-mument tas-serq. Irrizulta wkoll li bħala valur dan il-mutur ma kienx jeċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentenzmu (€2329.37).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli fil-wieħed u tletin (31) jum ta' Lulju, tas-sena elfejn u disgħa (2009) bejn it-3:30pm u l-5:15pm minn Vjal l-Indipendenza, Zurrieq, ikkometta serq ta' mutur Typhoon, bin-numru ta' reġistrazzjoni FAF062, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Dylan Caruana u/jew persuna jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, bħala ko-awtur, talli fil-wieħed u tletin (31) jum ta' Lulju, tas-sena elfejn u

disgħa (2009) bejn it-3:30pm u l-5:15pm minn Vjal l-Indipendenza, Zurrieq, ħati talli kkometta serq ta' mutur Typhoon, bin-numru ta' reġistrazzjoni FAF062, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Dylan Caruana u/jew persuna jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn ħames xhur (5) u mhux iżjed minn tlett snin (3), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(g), 263, 264, 265, 267, 271(g), 278(1)(3), 279(1)(a), 280(2) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli 23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fl-Erbgha u Ghoxrin Kap ipremetta:**

Illi mill-investigazzjoni li saru wara t-tentattiv ta' serqa fuq il-vann tas-sigurta ta' nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) li fiha kien involut ukoll bħala ko-awtur l-akkuzat Daren Debono, irrizulta lill-pulizija illi minn fost il-vetturi li ntuzaw matul dan it-tentattiv, il-gaffa tal-għamla Mitsubishi bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI289, kien safa misruq bejn nhar il-ħamsa u s-sitta ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) matul il-lejl, minn ġewwa razzett bl-isem Santa Marija, li kien jinstab ġewwa Triq il-Birguma, Binġemma fil-Limiti ta' l-Imġarr a detriment ta' David Bugeja li kien ħalla l-istess gaffa ipparkjata fil-garaxx tiegħufis-sitta u nofs ta' filgħaxija tal-ħames jum (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009). Hu sabha nieqsa bl-affarijiet kollha li kien hemm ġo fiha l-għada filgħodu meta mar biex jagħmel uzu minnha. Din il-gaffa ttieħdet mingħajr il-kunsens jew il-permezz ta' sidha jew ta' min kellu l-kontroll tagħha fil-mument tas-serq. Irrizulta wkoll li bħala valur din il-

gaffa kienet teċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentenzmu (€2329.37).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli bejn il-ħames (5) u s-sitt (6) jum tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn ġewwa razzett bl-isem Santa Marija, Binġemma, limiti tal-Imġarr, ikkometta serq ta' gaffa tal-għamla Mitsubishi, bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI289, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' David Bugeja u/jew persuna jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, bħala ko-awtur, talli bejn il-ħames (5) u s-sitt (6) jum tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn ġewwa razzett bl-isem Santa Marija, Binġemma, limiti tal-Imġarr, sar ħati talli kkometta serq ta' gaffa tal-għamla Mitsubishi, bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI289, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' David Bugeja u/jew persuna jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlettax-il xhur (13) u mhux iżjed minn seba' snin (7), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(1)(b), 280(1) u 281(b) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli 23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Hamsa u Ghoxrin Kap ipremetta:**

Illi mill-investigazzjoni li saru wara t-tentattiv ta' serqa fuq il-vann tas-sigurta ta' nhar l-erbgħa (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) li fiha kien involut ukoll bħala

ko-awtur l-akkuzat Daren Debono, irrizulta lill-pulizija illi minn fost il-vetturi li ntuzaw matul dan it-tentattiv, il-vann tal-għamla Toyota Dyna bin-numru ta' reġistrazzjoni HBA802, kien safa misruq bejn nhar is-sitta u għoxrin u s-sebgħa u għoxrin jum (26-27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) matul il-ħin tal-lejl minn ġewwa Triq Efesu, San Pawl il-Baħar a detriment ta' Riad Khatib li kien ħalla l-istess vann ipparjkat fl-istess triq minn fejn insteraq bl-affarijiet kollha li kien hemm ġo fiha. Dan il-vann ttieħed mingħajr il-kunsens jew il-permezz ta' sidha jew ta' min kellu l-kontroll tiegħu fil-mument tas-serq. Irrizulta wkoll li bħala valur dan il-vann kien jeċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentenzmu (€2329.37).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli bejn is-sitta u għoxrin (26) u s-sebgħa u għoxrin (27) jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn Triq Efesu, San Pawl il-Baħar, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Dyna, bin-numru ta' reġistrazzjoni HBA802, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' Riad Khatib u/jew persuna u/jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, bħala ko-awtur, talli bejn is-sitta u għoxrin (26) u s-sebgħa u għoxrin (27) jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn Triq Efesu, San Pawl il-Baħar, sar ħati talli kkometta serq ta' vettura tal-għamla Toyota Dyna, bin-numru ta' reġistrazzjoni HBA802, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' Riad Khatib u/jew persuna u/jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlettax-il xahar (13) u mhux iżjed minn disa' snin (9), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm

u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(g)(f), 263, 264, 265, 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(1)(b), 280(2) u 281(b) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli 23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Sitta u Ghoxrin Kap ipremetta:**

Illi mill-investigazzjoni li saru wara t-tentattiv ta' serqa fuq il-vann tas-sigurta ta' nhar l-erbgħa ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) li fiha kien involut ukoll bħala ko-awtur l-akkuzat Daren Debono, irrizulta lill-pulizija illi minn fost il-vetturi li ntuzaw matul dan it-tentattiv, il-vettura tal-għamla Mitsubishi Chassis Cab (Pickup) bin-numru ta' reġistrazzjoni CAF197, kien safa misruq bejn it-tmienja u għoxrin u d-disgħa u għoxrin jum (28-29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009) fil-ħin ta' bil-lejl minn ġewwa Triq Sindku P. Vella, Zebbuġ a detriment ta' Joseph Camilleri li kien ħalla l-istess vettura ipparjkata fid-*drive in* tar-residenza tiegħu fl-istess triq minn fejn insterqet bl-affarijiet kollha li kien hemm ġo fiha. Din il-vettura ttieħdet mingħajr il-kusens jew il-permezz ta' sidha jew ta' min kellu l-kontroll tagħha fil-mument tas-serq. Irrizulta wkoll li bħala valur din il-vettura kienet teċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċentenzmu (€2329.37).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli bejn it-tmienja u għoxrin (28) u d-disgħa u għoxrin (29) jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn Triq is-Sindku P. Vella, Żebbuġ, ikkometta serq ta' Mitsubishi Chassis Cab, bin-numru ta' reġistrazzjoni CAF197, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' Joe (Joseph) Camilleri u/jew persuna u/jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, bħala ko-awtur, talli bejn it-tmienja u għoxrin (28) u d-disgħa u għoxrin (29)

jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn Triq is-Sindku P. Vella, Żebbuġ, sar ħati talli kkometta serq ta' Mitsubishi Chassis Cab, bin-numru ta' reġistrazzjoni CAF197, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' Joe (Joseph) Camilleri u/jew persuna u/jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlettax-il xahar (13) u mhux iżjed minn disa' snin (9), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(g)(f), 263, 264, 265, 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(1)(b), 280(2) u 281(b) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli 23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Seba' u Ghoxrin Kap ipremetta:**

Illi b'referenża għall-preċedenti kapi ta' din l-att tal-akkuża u għaċ-ċirkostanzi kif hemmhekk msemmija u ċioe fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li l-vann Isuzu NKR li kien intuza matul it-tentattiv tas-serqa formanti l-mertu ta' l-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuza, f'liema tentattiv l-akkuzat Daren Debono kien ko-parteċipi bħala ko-awtur, allavolja reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni GBB521 kienet effettivament qed turi tarek ta' vettura b'numru differenti u ċioe BAV516.

Meta saru investigazzjonijiet aktar fil-fond fir-rigward tat-tarek in kwistjoni irriżulta li dawn kienu jappartjenu lill-vettura oħra tal-għamla Ford Escort liema vettura kienet tappartjeni lil Perit Joseph Borg Grech (Giuseppe Maria Borg Grech). Filfatt meta s-Sur Borg Grech ġie mitkellem mill-pulizija, hu nfurmahom illi nhar l-20 ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) t-tarek tal-vettura tiegħu kienu nsterqu minn Triq San

Anard, Zabbar waqt li l-istess vettura kienet ipparkjata quddiem id-dar tiegħu fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli fl-għoxrin (20) jum ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) bejn is-2:15pm u t-3:15pm minn Triq San Anard, Zabbar, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Ford Escort bin-numru ta 'reġistrazzjoni BAV516, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Giuseppe Maria Borg Grech u/jew persuna jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli fl-għoxrin (20) jum ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) bejn is-2:15pm u t-3:15pm minn Triq San Anard, Zabbar, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Ford Escort bin-numru ta 'reġistrazzjoni BAV516, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun, ġo dik il-vettura) li sar għad-dannu ta' Giuseppe Maria Borg Grech u/jew persuna jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'mhux aktar minn sentejn (2) u mhux inqas minn seba' (7) xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(g), 270, 271(g), 281(b), 49, 17, 20, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tmienja u Ghoxrin Kap ipremetta:**

Illi b'referenża għall-preċedenti kapi ta' din l-att tal-akkuża u għaċ-ċirkostanzi kif hemmhekk msemmija u ċioe fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li l-vettura tal-għamla Peugeot 106 li allegatament intuzat għal trial run ftit ġimgħat qabel it-tentattiv tas-serqa formanti l-mertu ta' l-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuza, f'liema tentattiv l-akkuzat Daren Debono kien ko-parteċipi bħala ko-awtur, allavolja reġistrata bin-

numru ta' reġistrazzjoni BAD182 kienet effettivament qed turi tarek ta' vettura b'numru differenti u ċioe BQZ221.

Meta saru investigazzjonijiet aktar fil-fond fir-rigward tat-tarek in kwistjoni irriżulta li dawn kienu jappartjenu lill-vettura oħra tal-għamla Peugeot Partner liema vettura kienet tappartjeni lil Carmel Camilleri. Filfatt meta s-Sur Camilleri ġie mitkellem mill-pulizija, hu nfurmahom illi nhar l-4 ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009) t-tarek tal-vettura tiegħu kienu nsterqu minn Triq il-Qaddiefa, Marsa fil-ħinijiet ta' bil-lejl (wara inzul ix-xemx).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli fir-raba (4) jum ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009), bejn it-3:30am u s-6:30am minn Triq il-Qaddiefa, Marsa, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Peugeot Partner bin-numru ta 'reġistrazzjoni BQZ221, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Carmel Camilleri u/jew persuna jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli fir-raba (4) jum ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009), bejn it-3:30am u s-6:30am minn Triq il-Qaddiefa, Marsa, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Peugeot Partner bin-numru ta 'reġistrazzjoni BQZ221, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin (is-serq ġie kommess bil-lejl, bejn iżnul u t-tlugħ ix-xemx) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun, ġo dik il-vettura) li sar għad-dannu ta' Carmel Camilleri u/jew persuna jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'mhux aktar minn sentejn (2) u mhux inqas minn seba' (7) xhur, liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(f)(g),

270, 271(g), 281(b), 49, 17, 20, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fid-Disa' u Ghoxrin Kap ipremetta:**

Illi b'referenża għall-preċedenti kapi ta' din l-att tal-akkuża u għaċ-ċirkostanzi kif hemmhekk msemmija u ċioe fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li l-vettura Toyota Corsa li kienet qed taqbad fi Triq Luqa Briffa fil-Gzira fl-istess waqt li kien qed issir it-tentattiv tas-serqa formanti l-mertu ta' l-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuza, f'liema tentattiv l-akkuzat Daren Debono kien ko-parteċipi bħala ko-awtur, allavolja reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni KBF498 kienet effettivament qed turi tarek ta' vettura b'numru differenti u ċioe CBP547.

Meta saru investigazzjonijiet aktar fil-fond fir-rigward tat-tarek in kwistjoni irriżulta li dawn kienu jappartjenu lill-vettura oħra tal-għamla Toyota Ist liema vettura kienet tappartjeni lil Claire Mifsud. Filfatt meta' s-Sinjura Mifsud ġiet mitkellma mill-pulizija, hi nfurmathom illi nhar l-10 ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) t-tarek tal-vettura tagħha kienu nsterqu minn Triq Roger Debattista, Ħamrun waqt li l-istess vettura kienet ipparjkata quddiem id-dar tagħha fil-ħinijiet ta' bil-lejl (wara nzul ix-xemx).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli bejn l-għaxar (10) u l-ħdax (11) il-jum ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), bejn it-8pm tal-10 ta' Novembru 2009 u id-8:45am tal-11 ta' Novembru 2009, minn Triq Roger Debattista, Ħamrun, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Toyota Ist bin-numru ta' reġistrazzjoni CBP547, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Claire Mifsud u/jew persuna jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli bejn l-għaxar (10) u l-ħdax (11) il-jum ta' Novembru

tas-sena elfejn u disgħa (2009), bejn it-8pm tal-10 ta' Novembru 2009 u id-8:45am tal-11 ta' Novembru 2009, minn Triq Roger Debattista, Ħamrun, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Toyota Ist bin-numru ta' reġistrazzjoni CBP547, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin (is-serq ġie kommess bil-lejl, bejn iżnul u t-tlugħ ix-xemx) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun, ġo dik il-vettura) li sar għad-dannu ta' li sar għad-dannu ta' Claire Mifsud u/jew persuna jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'mhux aktar minn sentejn (2) u mhux inqas minn seba' (7) xhur, liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(f)(g), 270, 271(g), 281(b), 49, 17, 20, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tletin Kap ipremetta:**

Illi b'referenża għall-preċedenti kapi ta' din l-att tal-akkuża u għaċ-ċirkostanzi kif hemmhekk msemmija u ċioe fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li l-vann Toyota Dyna kien allegatament intuza matul test run li saret madwar xahar qabel it-tentattiv tas-serqa formanti l-mertu ta' l-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuza, f'liema tentattiv l-akkuzat Daren Debono kien ko-parteċipi bħala ko-awtur, allavolja reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni HBA802 kien effettivament qed juri tarek ta' vettura b'numru differenti u ċioe FRN171.

Meta saru investigazzjonijiet aktar fil-fond fir-rigward tat-tarek in kwistjoni irriżulta li dawn kienu jappartjenu lill-vettura oħra tal-għamla Toyota Vitz liema vettura kienet tappartjeni lil Francesca Muscat. Filfatt meta s-Sinjura Muscat ġiet mitkellma mill-pulizija, hi nfurmathom illi nhar it-13 ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) t-tarek tal-vettura tagħha kienu nsterqu minn Triq l-Alwetta, Mosta waqt li l-istess

vettura kienet ipparjkata quddiem id-dar tagħha fil-ħinijiet ta' bil-lejl (wara nzul ix-xemx).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli bejn l-9:45pm, ta' nhar it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) u l-10:30am tat-13 ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn Triq Alwetta, Mosta, ikometta serq ta' par tarek mill-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni FRN171, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin (is-serq ġie kommess bil-lejl, bejn iżnul u t-tlugħ ix-xemx), li sar għad-dannu ta' Francesca Muscat u/jew persuna jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli bejn l-9:45pm, ta' nhar it-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) u l-10:30am tat-13 ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn Triq Alwetta, Mosta, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Toyota Vitz bin-numru ta' reġistrazzjoni FRN171, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun, ġo dik il-vettura) u bil-ħin (is-serq ġie kommess bil-lejl, bejn iżnul u t-tlugħ ix-xemx), u li sar għad-dannu ta' Francesca Muscat u/jew persuna jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'mhux aktar minn sentejn (2) u mhux inqas minn seba' (7) xhur, liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(f)(g), 270, 271(g), 281(b), 49, 17, 20, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Wiehed u Tletin Kap ipremetta:**

Illi b'referenża għall-preċedenti kapi ta' din l-att tal-akkuża u għaċ-ċirkostanzi kif hemmhekk msemmija u ċioe fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li l-Mitsubishi Pick up li

kien intuza matul it-tentattiv tas-serqa formanti l-mertu ta' l-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuza, f'liema tentattiv l-akkuzat Daren Debono kien ko-parteċipi bħala ko-awtur, allavolja reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni CAF197 kienet effettivament qed turi tarek ta' vettura b'numru differenti u ċioe EBL831.

Meta saru investigazzjonijiet aktar fil-fond fir-rigward tat-tarek in kwistjoni irriżulta li dawn kienu jappartjenu lill-vettura oħra tal-għamla Toyota Yaris liema vettura kienet tappartjeni lil Alfred Del Volto Santo San Fournier. Filfatt meta s-Sur San Fournier ġie mitkellem mill-pulizija, hu nfurmahom illi bejn it-tmintax (18) u d-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) t-tarek tal-vettura tiegħu kienu nsterqu minn Triq Melita, Sliema waqt li l-istess vettura kienet ipparjkata fit-triq imsemmija għal madwar ġurnata u nofs.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli bejn is-1:00pm, ta' nhar it-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) u s-6:30am tad-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn Triq Melita, Sliema, ikometta serq ta' par tarek mill-vettura Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni EBL831, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Alfred Del Volto Santo Sant Fournier u/jew persuna jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli bejn is-1:00pm, ta' nhar it-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009) u s-6:30am tad-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgħa (2009), minn Triq Melita, Sliema, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Toyota Yaris bin-numru ta' reġistrazzjoni EBL831, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun, ġo dik il-vettura) li sar għad-dannu ta' Alfred Del Volto Santo Sant Fournier u/jew persuna jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'mhux aktar minn sentejn (2) u mhux inqas minn seba' (7) xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(g), 271(g), 281(a), 49, 17, 20, 23,

23A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tnejn u Tletin Kap ipremetta:**

Illi b'referenża għall-preċedenti kapi ta' din l-att tal-akkuża u għaċ-ċirkostanzi kif hemmhekk msemmija u ċioe fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li l-vettura Toyota Liteace li kienet qed taqbad fi Triq San Ġwakin, Imrieħel, fl-istess waqt li kient qed iseħħ it-tentattiv tas-serqa formanti l-mertu ta' l-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuza, f'liema tentattiv l-akkuzat Daren Debono kien ko-parteċipi bħala ko-awtur, allavolja reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF219 kienet effettivament qed turi tarek ta' vettura b'numru differenti u ċioe BBI975.

Meta saru investigazzjonijiet aktar fil-fond fir-rigward tat-tarek in kwistjoni irriżulta li dawn kienu jappartjenu lill-vettura oħra tal-għamla Hicom 260 liema vettura kienet tappartjeni lil Vince Cuschieri Limited rapprezentata minn Joseph Cuschieri. Filfatt meta s-Sur Cuschieri ġie mitkellem mill-pulizija, hu nfurmahom illi nhar l-4 ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) t-tarek tal-vettura tiegħu kienu nsterqu minn plot ġewwa Triq it-Tiġrija, Mosta li l-istess vettura kienet abbandunata fil-post imsemmi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u/jew fil-jiem/ġimgħat qabel dik id-data, minn plot fi Triq it-Tiġrija, Marsa, ikometta serq ta' par tarek mill-vettura tal-għamla Hicom 160 bin-numru ta' reġistrazzjoni BBI975, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' John Cuschieri u/jew persuna jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u/jew fil-jiem/ġimgħat qabel dik id-data, minn plot fi Triq it-Tiġrija, Marsa, par tarek mill-vettura tal-għamla Hicom 160 bin-numru ta' reġistrazzjoni BBI975,

liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun, ġo dik il-vettura) li sar għad-dannu ta' John Cuschieri u/jew persuna jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'mhux aktar minn sentejn (2) u mhux inqas minn seba' (7) xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(g), 271(g), 281(a), 49, 17, 20, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tlieta u Tletin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi indikati fl-ewwel, fis-sbatax u fit-tlieta u għoxrin kap, u ċioe ir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta wkoll illi l-mutur Piaggio Typhoon li suppost kellha n-numru ta' reġistrazzjoni FAF062, kienet qed turi tarek bin-numru DBF915 li kienu legalment jappartjenu għall-mutur ieħor tal-għamla Piaggio Typhoon li kien misruq skond kif indikat fil-preċedenti kapi relattivi u fejn applikabbli.

Illi l-għan ta' dan l-iskambju u użu lleġittimu ta' tarek mhux appartenenti lir-rispettivi muturi sar bl-iskop li jinħoloq konfużjoni dwar l-identita' tal-muturi biex b'hekk ukoll jinħoloq intralċ fl-investigazzjonijiet li l-pulizija eżekuttiva kienet qed tikkonduċi. Dawn it-tarek jikkonstitwixxu dokument legali bl-iskop ta' użu minn awtorita' pubblika għal għan ta' identifikazzjoni fil-pubbliku u b'hekk l-iskambju xjenti kif magħmul wassal sabiex d-delinkwenti, fosthom l-akkużat Debono, li kienu allegatament responsabbli għas-serqiet tal-vetturi u tat-tarek in kwistjoni, xjentement għamlu użu ħażin ta' dawn it-tarek billi taw informazzjoni żbaljata għall-finijiet illeċiti tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal

xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' Mutur Piaggio Typhoon bin-numru FAF062 ma dawk tal-mutur Piaggio Typhoon misruqin bin-numru DBF915.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' Mutur Piaggio Typhoon bin-numru FAF062 ma dawk tal-mutur Piaggio Typhoon misruqin bin-numru DBF915; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn sentejn (2) jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 188(1), 11, 49, 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fir-Raba' u Tletin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi indikati fl-ewwel, fid-disa', fil-ħdax, fil-ħmistax, fis-sitta u għoxrin, u fil-wieħed u tletin kap, u ċioe ir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta wkoll illi l-vettura Mitsubishi L200 li suppost kellha n-numru ta' reġistrazzjoni CAF197, kienet qed turi tarek bin-numru EBL831 li kienu legalment jappartjenu għall-vettura oħra tal-għamla Toyota Yaris li kienu misruqin minnha skond kif indikat fil-preċedenti kapi relattivi u fejn applikabbli.

Illi l-għan ta' dan l-iskambju u użu lleġittimu ta' tarek mhux appartenenti lir-rispettivi vetturi sar bl-iskop li jinħoloq konfużjoni dwar l-identita' tal-vetturi biex b'hekk ukoll jinħoloq intralċ fl-investigazzjonijiet li l-pulizija eżekuttiva kienet qed tikkonduċi. Dawn it-tarek jikkonstitwixxu dokument legali bl-iskop ta' użu minn awtorita'

pubblika għal għan ta' identifikazzjoni fil-pubbliku u b'hekk l-iskambju xjenti kif magħmul wassal sabiex d-delinkwenti, fosthom l-akkużat Debono, li kienu allegatament responsabbli għas-serqiet tal-vetturi u tat-tarek in kwistjoni, xjentement għamlu użu ħażin ta' dawn it-tarek billi taw informazzjoni żbaljata għall-finijiet illeċiti tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Mistubishi L200 CAF197 ma dawk misruqa minn vettura Toyota Yaris EBL831.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' Mutur Piaggio Typhoon bin-numru FAF062 ma dawk ta' vettura Mistubishi L200 CAF197 ma dawk misruqa minn vettura Toyota Yaris EBL831; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn sentejn (2) jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 188(1), 11, 49, 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Hamsa u Tletin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi indikati fl-ewwel, fit-tmintax u fis-seba u għoxrin kap, u ċioe ir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta wkoll illi l-vettura Isuzu NKR li suppost kellha n-numru ta' reġistrazzjoni GBB521, kienet qed turi tarek bin-numru BAV516 li kienu legalment

jappartjenu għall-vettura oħra tal-għamla Ford Escort li kienu misruqin minnha skond kif indikat fil-preċedenti kapi relattivi u fejn applikabbli.

Illi l-għan ta' dan l-iskambju u użu lleġittimu ta' tarek mhux appartenenti lir-rispettivi vetturi sar bl-iskop li jinħoloq konfużjoni dwar l-identita' tal-vetturi biex b'hekk ukoll jinħoloq intralċ fl-investigazzjonijiet li l-pulizija eżekuttiva kienet qed tikkonduċi. Dawn it-tarek jikkonstitwixxu dokument legali bl-iskop ta' użu minn awtorita' pubblika għal għan ta' identifikazzjoni fil-pubbliku u b'hekk l-iskambju xjenti kif magħmul wassal sabiex d-delinkwenti, fosthom l-akkużat Debono, li kienu allegatament responsabbli għas-serqiet tal-vetturi u tat-tarek in kwistjoni, xjentement għamlu użu ħażin ta' dawn it-tarek billi taw informazzjoni żbaljata għall-finijiet illeċiti tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Isuzu NKR bin-numru GBB521 ma dawk misruqa minn vettura Ford Escort bin-numruBAV516.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Isuzu NKR bin-numru GBB521 ma dawk misruqa minn vettura Ford Escort bin-numruBAV516; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn sentejn (2) jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 188(1), 11, 49, 17, 23, 23A u 533

tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Sitta u Tletin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi indikati fl-ewwel, fl-erbatax, fil-wieħed u għoxrin u fit-tnejn u tletin Kap, u ċioe ir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta wkoll illi l-vettura Toyota Liteace li suppost kellha n-numru ta' reġistrazzjoni LCF219, kienet qed turi tarek bin-numru BBI975 li kienu legalment jappartjenu għall-vettura oħra tal-għamla Hicom 160 li kienu misruqin minnha skond kif indikat fil-preċedenti kapi relattivi u fejn applikabbli.

Illi l-għan ta' dan l-iskambju u użu lleġittimu ta' tarek mhux appartenenti lir-rispettivi vetturi sar bl-iskop li jinħoloq konfużjoni dwar l-identita' tal-vetturi biex b'hekk ukoll jinħoloq intralċ fl-investigazzjonijiet li l-pulizija eżekuttiva kienet qed tikkonduċi. Dawn it-tarek jikkonstitwixxu dokument legali bl-iskop ta' użu minn awtorita' pubblika għal għan ta' identifikazzjoni fil-pubbliku u b'hekk l-iskambju xjenti kif magħmul wassal sabiex d-delinkwenti, fosthom l-akkużat Debono, li kienu allegatament responsabbli għas-serqiet tal-vetturi u tat-tarek in kwistjoni, xjentement għamlu użu ħażin ta' dawn it-tarek billi taw informazzjoni żbaljata għall-finijiet illeċiti tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Toyota Liteace bin-numru LCF219 ma dawk misruqa minn vettura Hicom 160 bin-numru BBI975.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu

jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Toyota Liteace bin-numru LCF219 ma dawk misruqa minn vettura Hicom 160 bin-numru BBI975; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn sentejn (2) jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 188(1), 11, 49, 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Seba' u Tletin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi indikati fl-ewwel, fl-għaxar, fil-wieħed u għoxrin u fit-tnejn u tletin kap, u ċioe ir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta wkoll illi l-vettura Toyota Corsa li suppost kellha n-numru ta' reġistrazzjoni KBF498, kienet qed turi tarek bin-numru CBP547 li kienu legalment jappartjenu għall-vettura oħra tal-għamla Toyota Ist li kienu misruqin minnha skond kif indikat fil-preċedenti kapi relattivi u fejn applikabbli.

Illi l-għan ta' dan l-iskambju u użu lleġittimu ta' tarek mhux appartenenti lir-rispettivi vetturi sar bl-iskop li jinħoloq konfużjoni dwar l-identita' tal-vetturi biex b'hekk ukoll jinħoloq intralċ fl-investigazzjonijiet li l-pulizija eżekuttiva kienet qed tikkonduċi. Dawn it-tarek jikkonstitwixxu dokument legali bl-iskop ta' użu minn awtorita' pubblika għal għan ta' identifikazzjoni fil-pubbliku u b'hekk l-iskambju xjenti kif magħmul wassal sabiex d-delinkwenti, fosthom l-akkużat Debono, li kienu allegatament responsabbli għas-serqiet tal-vetturi u tat-tarek in kwistjoni, xjentement għamlu użu ħażin ta' dawn it-tarek billi taw informazzjoni żbaljata għall-finijiet illeċiti tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal

xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Toyota Corsa bin-numru KBF498 ma dawk misruqa minn vettura Toyota Ist bin-numru CBP547.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Toyota Corsa bin-numru KBF498 ma dawk misruqa minn vettura Toyota Ist bin-numru CBP547; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn sentejn (2) jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 188(1), 11, 49, 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tmienja u Tletin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi indikati fl-ewwel, fid-dsatax u fit-tmienja u għoxrin kap, u ċioe ir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta wkoll illi l-vettura Peugeot 106 li suppost kellha n-numru ta' reġistrazzjoni BAD182, kienet qed turi tarek bin-numru BQZ221 li kienu legalment jappartjenu għall-vettura oħra tal-għamla Peugeot Partner li kienu misruqin minnha skond kif indikat fil-preċedenti kapi relattivi u fejn applikabbli.

Illi l-għan ta' dan l-iskambju u użu lleġittimu ta' tarek mhux appartenenti lir-rispettivi vetturi sar bl-iskop li jinħoloq konfużjoni dwar l-identita' tal-vetturi biex b'hekk ukoll jinħoloq intralċ fl-investigazzjonijiet li l-pulizija eżekuttiva kienet qed tikkonduċi. Dawn it-tarek jikkonstitwixxu dokument legali bl-iskop ta' użu minn awtorita' pubblika għal għan ta' identifikazzjoni fil-pubbliku u b'hekk l-iskambju xjenti kif magħmul wassal sabiex d-delinkwenti, fosthom l-akkużat Debono, li kienu

allegatament responsabbli għas-serqiet tal-vetturi u tat-tarek in kwistjoni, xjentement għamlu użu ħażin ta' dawn it-tarek billi taw informazzjoni żbaljata għall-finijiet illeċiti tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Peugeot 106 bin-numru BAD182 ma dawk misruqa minn vettura Peugeot Partner bin-numru BQZ221.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Peugeot 106 bin-numru BAD182 ma dawk misruqa minn vettura Peugeot Partner bin-numru BQZ221; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn sentejn (2) jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 188(1), 11, 49, 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fid-Disa' u Tletin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-att tal-akkuża partikolarment iċ-ċirkostanżi indikati fl-ewwel, fil-ħamsa u għoxrin u fit-tletin kap, u ċioe ir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta wkoll illi l-vettura Toyota Dyna li suppost kellha n-numru ta' reġistrazzjoni HBA802, kienet qed turi tarek bin-numru FRN171 li kienu legalment

jappartjenu għall-vettura oħra tal-għamla Toyota Vitz li kienu misruqin minnha skond kif indikat fil-preċedenti kapi relattivi u fejn applikabbli.

Illi l-għan ta' dan l-iskambju u użu lleġittimu ta' tarek mhux appartenenti lir-rispettivi vetturi sar bl-iskop li jinħoloq konfużjoni dwar l-identita' tal-vetturi biex b'hekk ukoll jinħoloq intralċ fl-investigazzjonijiet li l-pulizija eżekuttiva kienet qed tikkonduċi. Dawn it-tarek jikkonstitwixxu dokument legali bl-iskop ta' użu minn awtorita' pubblika għal għan ta' identifikazzjoni fil-pubbliku u b'hekk l-iskambju xjenti kif magħmul wassal sabiex d-delinkwenti, fosthom l-akkużat Debono, li kienu allegatament responsabbli għas-serqiet tal-vetturi u tat-tarek in kwistjoni, xjentement għamlu użu ħażin ta' dawn it-tarek billi taw informazzjoni żbaljata għall-finijiet illeċiti tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Toyota Dyna bin-numru HBA802 ma dawk misruqa minn vettura Toyota Vitz bin-numru FRN171.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura Toyota Dyna bin-numru HBA802 ma dawk misruqa minn vettura Toyota Vitz bin-numru FRN171; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn sentejn (2) jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 188(1), 11, 17, 23, 23A, 49 u 533

tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fl-Erbghin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi precedent ta' din l-att tal-akkuża u ċioe fl-4 ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li minħabba l-iskambju tat-tarek kif imsemmi fis-sitta u tletin Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u minħabba d-dikjarazzjoni falża hekk magħmula, id-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono bħala ko-awtur, għamlu użu ħażin tat-tarek in kwistjoni li mar kontra l-iskop tagħhom legalment u dan peress li l-identifikazzjoni tal-vetturi in kwistjoni ġiet intralċata u vizzjata bl-iskambju tat-tarek kif preċedentment deskritt.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru DBF915 minflokk in-numri oriġinali FAF062.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru DBF915 minflokk in-numri oriġinali FAF062; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur (6) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1A) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar ir-Regolament

tat-Traffiku) u l-artikoli 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Wiehed u Erbghin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi precedent ta' din l-att tal-akkuża u ċioe fl-4 ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li minħabba l-iskambju tat-tarek kif imsemmi fis-sebgħa u tletin Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u minħabba d-dikjarazzjoni falża hekk magħmula, id-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono bħala ko-awtur, għamlu użu ħażin tat-tarek in kwistjoni li mar kontra l-iskop tagħhom legalment u dan peress li l-identifikazzjoni tal-vetturi in kwistjoni ġiet intralċata u vizzjata bl-iskambju tat-tarek kif preċedentment deskritt.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru EBL831 minflokk in-numri oriġinali CAF197.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru EBL831 minflokk in-numri oriġinali CAF197; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur (6) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1A) tal-Kaptiolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar ir-Regolament

tat-Traffiku) u l-artikoli 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tnejn u Erbghin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi precedent ta' din l-att tal-akkuża u ċioe fl-4 ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li minħabba l-iskambju tat-tarek kif imsemmi fit-tmienja u tletin Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u minħabba d-dikjarazzjoni falża hekk magħmula, id-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono bħala ko-awtur, għamlu użu ħażin tat-tarek in kwistjoni li mar kontra l-iskop tagħhom legalment u dan peress li l-identifikazzjoni tal-vetturi in kwistjoni ġiet intralċata u vizzjata bl-iskambju tat-tarek kif preċedentment deskritt.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru BAV516 minflokk in-numri oriġinali GBB521.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru BAV516 minflokk in-numri oriġinali GBB521; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur (6) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1A) tal-Kaptiolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar ir-Regolament

tat-Traffiku) u l-artikoli 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tlieta u Erbghin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi precedent ta' din l-att tal-akkuża u ċioe fl-4 ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li minħabba l-iskambju tat-tarek kif imsemmi fid-disgħa u tletin Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u minħabba d-dikjarazzjoni falża hekk magħmula, id-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono bħala ko-awtur, għamlu użu ħażin tat-tarek in kwistjoni li mar kontra l-iskop tagħhom legalment u dan peress li l-identifikazzjoni tal-vetturi in kwistjoni ġiet intralċata u vizzjata bl-iskambju tat-tarek kif preċedentment deskritt.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru BBI975 minflokk in-numri oriġinali LCF219.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru BBI975 minflokk in-numri oriġinali LCF219; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur (6) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1A) tal-Kaptiolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar ir-Regolament

tat-Traffiku) u l-artikoli 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fl-Erbgha u Erbghin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi precedent ta' din l-att tal-akkuża u ċioe fl-4 ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li minħabba l-iskambju tat-tarek kif imsemmi fl-erbgħin Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u minħabba d-dikjarazzjoni falża hekk magħmula, id-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono bħala ko-awtur, għamlu użu ħażin tat-tarek in kwistjoni li mar kontra l-iskop tagħhom legalment u dan peress li l-identifikazzjoni tal-vetturi in kwistjoni ġiet intralċata u vizzjata bl-iskambju tat-tarek kif preċedentment deskritt.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru CBP547 minflokk in-numri oriġinali KBF498.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru CBP547 minflokk in-numri oriġinali KBF498; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur (6) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1A) tal-Kaptiolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar ir-Regolament

tat-Traffiku) u l-artikoli 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Hamsa u Erbghin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi precedent ta' din l-att tal-akkuża u ċioe fl-4 ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li minħabba l-iskambju tat-tarek kif imsemmi fil-wieħed u erbgħin Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u minħabba d-dikjarazzjoni falża hekk magħmula, id-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono bħala ko-awtur, għamlu użu ħażin tat-tarek in kwistjoni li mar kontra l-iskop tagħhom legalment u dan peress li l-identifikazzjoni tal-vetturi in kwistjoni ġiet intralċata u vizzjata bl-iskambju tat-tarek kif preċedentment deskritt.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru BQZ221 minflokk in-numri oriġinali BAD182.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru BQZ221 minflokk in-numri oriġinali BAD182; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur (6) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1A) tal-Kaptiolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar ir-Regolament

tat-Traffiku) u l-artikoli 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Sitta u Erbghin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza għall-kapi precedent ta' din l-att tal-akkuża u ċioe fl-4 ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am), irriżulta li minħabba l-iskambju tat-tarek kif imsemmi fit-tnejn u erbgħin Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, u minħabba d-dikjarazzjoni falża hekk magħmula, id-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono bħala ko-awtur, għamlu użu ħażin tat-tarek in kwistjoni li mar kontra l-iskop tagħhom legalment u dan peress li l-identifikazzjoni tal-vetturi in kwistjoni ġiet intralċata u vizzjata bl-iskambju tat-tarek kif preċedentment deskritt.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru FRN171 minflokk in-numri oriġinali HBA802.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru FRN171 minflokk in-numri oriġinali HBA802; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur (6) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1A) tal-Kaptiolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar ir-Regolament

tat-Traffiku) u l-artikoli 17, 23, 23A, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Seba' u Erbghin Kap ipremetta:**

Illi fit-tlieta u għoxrin (23) jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu (9:15am) il-pulizja kienu ġew infurmati mis-soċjeta Eurocharge Financial Services Limited li topera s-Soċjeta' City Security Limited, illi kien għadu kif seħħ hold-up fuq van tas-sigurta' minn tagħhom li kien għadu kif telaq miċ-ċentru Ruzar Briffa tal-HSBC fi Triq il-Mitħna, Ħal-Qormi. Skond ir-rapport dan il-vann tal-għamla Ford Transit bin-numri ta' reġistrazzjoni BAB683, kien ġie ostakolat minn vettura oħra waqt li kien fi triqtu lejn il-Marsa u safa attakkat minn u misruq anki permezz tal-uzu ta' armi tan-nar li ġew sparati fid-direzzjoni tal-addetti li kienu fil-vann tas-sigurta li safa attakkat, liema vann tas-Sigurta sussegwentement ħarab fid-direzzjoni tal-garaxxijiet tagħha li jinstabu fi Triq il-Ħarrub, Santa Venera. Irrizulta li kien hemm iktar minn persuna waħda involuta f'din l-aggressjoni fejn minn stħarriġ ulterjuri rrizulta li fosthom kien hemm l-akkużat Daren Debono.

Illi rriżulta mill-investigazzjoni ta' dan il-każ illi skond il-persuni li kienu addetti mal-vann tas-sigurta' u ċioe Martin Gatt u Dennis Attard, huma kienu telqu miċ-Ċentru Ruzar Briffa bil-vann tas-sigurta' għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu fejn meta qabbdu il-flyover fid-direzzjoni tal-Marsa kienu sabu vettura x'aktarx tal-għamla Peugeot Partner li waqaf b'salt quddiemhom u ostakola il-passaġġ tagħhom. Kif waqfet din il-vettura ħarġu minnha zewħ persuni mgħammda bil-balaklavi, libsin l-iswed u armati b'armi tan-nar fosthom arma ta' lewn fidda pjutost imdaqqsa. Dawn id-delikwenti entrambe avviċinaw il-vann tas-sigurta, wieħed fuq kull naħa fejn apparti l-isparaturi li dawn id-delikwenti bdew jisparaw fid-direzzjoni ta' dan il-vann tas-sigurta kif ħarġu mil-vettura tagħhom, dak li mar fuq in-naħa tax-xufier, beda jagħti bl-arma fuq il-ħġieġ tat-tieqa tan-naħa tax-xufier bil-konsegwenza li din inkisret. Jidher li l-addetti mal-vann ippruvaw jaħarbu minn fuq il-post izda dan kien inutli.

Apparti minn hekk irrizulta wkoll li kif ra n-natura tal-aggressjoni li kienet qed issir fuqhom, Dennis Attard qabad borza bil-flus li kellhom ġewwa dan il-vann u remieħ barra fit-triq biex b'hekk id-delinkwenti ma jippersistux bl-aggrassjoni fuqhom u jitilqu bil-flus mill-post li huwa filfatt dak li ġara. Skond konferma tal-Bank HSBC, il-basket li nsteraq mill-vann tas-sigurta attakkata, kien jikkontjeni l-ammont ta' tnejn u sebgħin elf Liri Maltin (Lm72,000) kontanti f'denominazzjonijiet differenti, illum ekwivalenti għal mija sebgħa u sittin Elf erba mija erbgħa u għoxrin Euro u żewġ ċentezmi (€167,424.02). Jidher ukoll illi l-addetti tal-vann tas-sigurta ppruvaw issegwu l-vettura li kienet aggredithom meta' din kienet qed taħrab minn fuq il-post bil-flus mill-vann izda kienu tilfuhom fit-triq.

Illi jktar tard dakinhar stess u a bazi tad-deskrizzjoni li ingħata lill-pulizija mis-sinjuri Gatt u Attard, il-vettura li kienet intuzat waqt din is-serqa kienet filfatt instabet fi Triq ix-Xemxija l-Marsa fejn irrizultat li kienet vann tal-għamla Peugeot Partner misruqa bin-numri ta' reġistrazzjoni foloz AAU561. Meta din il-vettura ġiet spezzjonata mill-pulizija rrizulta li kien hemm kaxxa tal-kartun fuq wara b'tiċpis ħamrani fuqu x'aktarx demm li meta ġie annalizzat irrizulta li kien jaqbel mal-profil ġenetiku tal-akkuzat Daren Debono.

Illi b'għemilhu Daren Debono, sar ħati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma Triq is-Sebħ, Qormi, ikommetta serq ikkwalifikat bil-vjolenza (b'attentat ta' omiċidju, f'sekwestru ta' persuna u użu ta' armi), mezz (użu ta' balaklava), bil-valur (jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €2329.94) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura);

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi,

ikometta serq ikkwalifikat bil-vjolenza (b'attentat ta' omiċidju, f'sekwestru ta' persuna u użu ta' armi), mezz (użu ta' balaklava), bil-valur ta iktar minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) (b'hekk li jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €2329.94) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura); jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn sitt snin (6) u mhux aktar minn għoxrin (20) sena priġunerija, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(b)(c)(g), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 271(g), 273, 275, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281(a), 23, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tmienja u Erbghin Kap ipremetta:**

Illi b'referenza u fl-istess ċirkostanzi indikati fil-kapi precedent partikolarment fiċ-ċirkostanzi indikati fis-sebgħa u erbgħin kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe' fit-tlieta u għoxrin (23) jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu (9:15am), waqt is-serqa in kwistjoni evidentement id-delinkwenti fosthom l-akkuzat Debono li kienu armati b'armi tan-nar matul din l-aggressjoni sparaw diversi tiri fid-direzzjoni tal-vann tas-sigurta tal-għamla Ford Transit bin-numri ta' reġistrazzjoni BAB683 fejn ġewwa l-istess vann kien hemm Martin Gatt u Dennis Attard li kienu f'dak il-waqt responsabbli għat-trasport tal-flus li kellhom fil-pussess tagħhom u dan bl-intenzjoni doluża li dawn l-addetti jinqatlu jew li l-ħajja tagħhom jitqiegħed f'periklu ċar. Infatti meta dan il-vann tas-sigurta' ġie spezzjonat mill-membri tal-korp tal-pulizija irrizultaw diversi ħsarat fuq dan il-vann inkluz il-bonnet imtaqqab u l-windscreen u t-twieqi ta' kull naħa mkissrin. L-isparaturi li saru fid-direzzjoni tagħhom ġew ikkonfermati wkoll mill-addetti tal-vann meta' mitkellma mill-pulizija fuq dan l-avveniment. Huma nfatti kienu ppruvaw jirriversjaw il-vann minn fuq il-post matul l-aggressjoni sabiex ma jintlaqtux u sussegwentement kien filfatt dan il-fattur ta' periklu li kien wassal sabiex Dennis

Attard jarmi barra il-borza tal-flus li kienet insterqet mid-delinkwenti fosthom l-akkuzat. Kwindi minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-aggressuri is-sinjuri Gatt u Attard ma sfawx feruti jew agħar minn hekk.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma Triq is-Sebħ, Qormi, bħala ko-awtur ikkometta tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar (Martin Gatt Dennis Attard), wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, bħal ko-awtur ikkometta tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma' ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn seba snin (7) u mhux aktar minn tletin sena (30), skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 23A, 49, 31(1)(a)(b)(i)(e) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fid-Disa' u Erbghin Kap ipremetta:**

Illi kif deskritt fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-akkuza u partikolarment is-sebgħa u erbgħin u t-tmienja u erbgħin kap, ċioe nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu, meta l-vann tas-sigurta tal-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni BAB683 ġiet

ostakolata fi triqitha meta l-vettura Peugeot Partner li kienet qed tintuza mid-delikwenti, fosthom l-akkuzat Debono, waqqfet ħesrem quddiemhom, u meta d-delikwenti fosthom l-akkuzat Debono ħarġu għall-addetti tal-vann armati, il-vann tas-sigurta kien ġie arrestat b'mod illegali mingħajr l-ebda awtorita' leġittima u kontra r-rieda tas-sinjuri Gatt u Attard li kienu fl-istess vann tas-sigurta bil-għan li d-delinkwenti jkollhom il-kontroll tagħhom u b'hekk ikunu f'posizzjoni aktar vantaġġuza fil-konfront tal-addetti tal-vann tas-sigurta biex jieħdu l-flus li riedu mingħandhom. Infatti nafu mill-informazzjoni mogħtija mis-sinjuri Attard u Gatt li huma kienu ppruvaw jaħarbu minn fuq il-post billi jirriversjaw waqt l-aggressjoni izda dan kien inutli peress li kienu imblokkati bit-traffiku ta' karrozzi oħrajn warajhom. Nafu wkoll li dan kollu sar bl-iskop li s-sinjuri Gatt u Attard jagħtu l-flus lid-delikwenti fosthom Debono li f'ebda mod ma kienu awtorizzati skond il-liġi li jeħduhom, matul liema aggressjoni entrambe s-sinjuri Gatt u Attard ġew mhedda bil-mewt bil-komportament fil-konfront tagħhom tad-delinkwenti fosthom l-akkuzat f'dawn il-proċeduri.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar hati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta tagħhom, jew ta l-post biex fiħ dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrati, b'dan illi il-persuni arrestati, miżmuma jew issekwestrati ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom jew mhedda bil-mewt u/jew id-dellitt ikun sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex il-persuni oħra jkunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li

fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta tagħhom, jew ta l-post biex fih dawn il-persuni jiġu arrestati, miżmuma jew issekwestrati, b'dan illi il-persuni arrestati, miżmuma jew issekwestrati ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom jew mhedda bil-mewt u/jew id-dellitt ikun sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex il-persuni oħra jkunu mġiegħla jaċċettaw li jagħmlu xi trasferiment ta' ħwejjiġhom; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn tlett snin (3) u mhux inqas minn tlettax il-xahar (13) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(c)(e), 17, 23, 23A, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Hamsin Kap ipremetta:**

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża, partikolarment is-sebgħa u erbgħin sad-disgħa u erbgħin kap, ċioe nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu, jirriżulta li skond l-informazzjoni mogħtija lill-pulizija investigattiva mis-sinjuri Gatt u Attard, id-delinkwenti li aggredewhom fosthom l-akkuzat Daren Debono, kienu armati b'armi funzjonanti li filfatt intuzaw fil-konfront tal-addetti tal-vann tas-sigurta li ġiet aggredita, sabiex jassistu lill-malviventi, fosthom Debono, fis-serqa, fit-tentattiv ta' omiċidju u fis-sekwestru ta' persuna indikati fil-kapi preċedenti li saret referenza għalihom. B'hekk jirriżulta li fil-mument tat-tentattiv ta' dawn ir-reati, l-akkużat kellu fuq il-persuna tiegħu arma tan-nar, liema arma ġiet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmija delitti volontarji.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, filwaqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-

persuna jew ta' serq, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari, jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti u dan mingħajr għan leġittimu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati talli it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi,, bħala ko-awtur, filwaqt li kien qed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna jew ta' serq, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari, jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti u dan mingħajr għan leġittimu; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba snin (4) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a) u 56 ta' L-Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 23, 23A, 31, 49, 64 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Wiehed u Hamsin Kap ipremetta:**

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża, partikolarment mis-sebgħa u erbgħin Kap il-quddiem ċioe' fit-tlieta u għaxrin (23) jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu (9:15am), jirriżulta li l-akkużat Daren Debono bħala ko-awtur uża vjolenża fil-konfront tal-vittmi Martin Gatt u Dennis Attard li kienu fil-cash van tal-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni BAB683 matul is-serqa u r-reati l-oħra li kienu qed jiġu kommessi fil-konfront tal-istess. Evidentement, konsiderando wkoll il-*modus operandi* dwar kif saret din l-aggressjoni kif deskritt preċedentement u anki n-numru ta' delinkwenti nvoluti ilkoll armati u mgħammda, fosthom l-akkużat Debono, din l-aggressjoni kienet indubjament waħda ferm vjolenti

sabiex l-istess Gatt u Mallia jiġu mġiegħla jippermettu li s-serqa tiġi kkunsmata mingħajr ma jostakolaw li l-istess iseħħ.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, bħala ko-awtur, uża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati talli nhar nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, bħala ko-awtur, uża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn seba' xhur (7) u mhux iktar minn erba snin (4) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 251(1), 250(1), 23, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tnejn u Hamsin Kap ipremetta:**

Illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuża, partikolarment mis-sebgħa u erbgħin Kap il-quddiem, u ċioe' fit-tlieta u għoxrin jum (23) tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu (9:15am), rriżulta wkoll li apparti li l-akkużat ġar arma fil-kors tal-kummissjoni ta' reat/i li fihom u kif spjegat, hu kien involut, u dan mingħajr l-ebda għan leġittimu, dawn l-armi ġew sparati fid-direzzjoni tal-vittmi Attard u Gatt filwaqt li dawn kienu ġewwa il-Cash Van wara li dan l-istess van kien ġie ostakolat fi triqtu lejn il-Marsa wara li kien telaq miċ-Ċentru Ružar Briffa, Ħal-Qormi u dan skond dak irriskontrat u rrakuntat mill-istess vittmi lill-pulizija meta dawn ġew mitkellma kif ukoll kif indikat min-natura tad-danni subiti mill-vann tas-sigurta li kienu ġo fiha.

M'hemm l-ebda dubbju lanqas li l-Flyover tal-Marsa hija triq pubblika u hija żona ffrekwentata minn diversi vetturi oħra f'inħawi abitati.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, bħala ko-awtur, ġarr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew li spara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjali.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, bħala ko-awtur, ġarr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew li spara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjali; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux anqas mija u sittax il-Euro u sitta u erbgħin ċentenzmu (€116.46) u mhux iktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 18(2)(a) u 27(3)(a)(or b) tar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Avviż Legali 79 tas-sena elfejn u sitta (2006) kif ukoll fl-artikoli 23, 23A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) tal-Liġijiet ta' Malta jew kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tielet u Hamsin Kap ipremetta:**

Illi b' referenza għall-fatti kif indikati fil-kapi precedenti, partikolarment mill-sebgħa u erbgħin Kap il-quddiem, u ċioe fit-tlieta u għoxrin (23) jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu (9 :15am), irrizulta kif diġa ampjament spjegat illi d-delikwenti kkaġunaw diversi ħsarat fuq il-

vann tas-sigurta tal-għamla Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD863 senjatament matul il-kummissjoni tas-serqa u r-reati l-oħrajn li bihom jinstab akkuzat Debono f'din l-Att t'Akkuza. Infatti kien hemm ksur fit-twieqi u fil-windscreen kif ukoll toqba fil-bonnett tal-istess vettura li lkoll ġew ikkaġunati mill-aggressuri fosthom l-akkużat Debono u liema ħsarat ma kienux jezistu qabel dakinhar li seħħet din l-aggressjoni li fiha kien involut l-akkużat Debono kif spjegat. Irriżulta mill-analiżi li sar li minħabba l-ħsarat ikkaġunati, il-vettura subiet danni li bħala spejjez kienu jammontaw għal seba mija u ħamsin Euro (€750).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara kien jiskorri l-mija u sittax punt sebgħa u erbgħin Euro (€116.47) iżda ma jiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli, nhar it-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għall-ħabta tad-9:15am, ġewwa Triq il-Mitħna ma triq is-Sebħ, Qormi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri l-mija u sittax punt sebgħa u erbgħin Euro (€116.47) iżda ma jiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69); jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames xhur (5) sa sena (1) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 12, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi

Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fl-Erbgha u Hamsin Kap ipremetta:**

Illi dejjem b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuza partikolarment dawk mis-sebgħa u erbgħin kap il-quddiem u ċioe nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu, irrizulta minn stħarriġ ulterjuri li l-vettura Peugoet Partner li intuzat mid-delikwenti fosthom Debono matul il-kummissjoni tad-dellitti msemmija kienet filfatt vettura misruqa minn Triq tal-Ħandaq, Ħal-Qormi senjatament fis-sbatax (17) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) a dannu ta' siddha Pierre Farrugia. Jidher illi din il-vettura li oriġinarjament kellha n-numri ta' reġistrazzjoni GBE013, kienet tħalliet biċ-ċwievet tagħha fl-ignition min sidha u ma kinitx imsakkra u kienet insterqet bl-affarijiet kollha li kellha ġo fiha konsistenti f'merkanzija li baqgħet qatt ma nstabet mill-pulizija. Skond sid il-vettura l-vann kien jiswa taħt l-elf Lira Maltin izda li hu kien xtraha bil-prezz ta' madwar sitt elef Liri Maltin.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli nhar is-sbatax (17) il-jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), minn Triq il-Ħandaq, Qormi, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Peugeot Partner, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE013, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Pierre Farrugia u/jew persuna jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur, talli nhar is-sbatax (17) il-jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), minn Triq il-Ħandaq, Qormi, sar ħati talli kkometta serq ta' vettura tal-għamla Peugeot Partner, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE013, liema serq

huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Pierre Farrugia u/jew persuna jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlettax-il xahar (13) u mhux iżjed minn seba' snin (7), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(1)(b), 280(1) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli 23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Hamsa u Hamsin Kap ipremetta:**

Illi dejjem b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuza partikolarment dawk mis-sebgħa u erbgħin kap il-quddiem u ċioe nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu, b'referenza għal-fatti indikati fit-tmienja u ħamsin kap, jidher li apparti l-vettura Peugeot Partner li kienet intuzat matul is-serqa fid-data indikata mid-delinkwenti fosthom l-akkuzat Debono, id-delikwenti li serquha nhar is-sbatax (17) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), fosthom Debono, kienu ħadu anki l-merkanzija li kien hemm ġo fiha li baqgħet qatt ma nstabet u li kienet tiswa mitejn ħamsa u sebgħin Euro (€275).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli fis-sbatax il-jum (17) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għal-ħabta tal-5:15pm u/jew fil-jiem ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta' oġġetti minn vettura tal-għamla Peugeot Partner, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE013, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin

ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Pierre Farrugia u/jew persuni oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur, talli fis-sbatax il-jum (17) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), għal-ħabta tal-5:15pm u/jew fil-jiem ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, sar ħati talli kkometta serq ta' oġġetti minn vettura tal-għamla Peugeot Partner, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE013, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 iżda ma jeċċedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serqa saret a detriment ta' Pierre Farrugia u/jew persuni oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn ħames xhur (5) u mhux iżjed minn tlett snin (3), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(1)(a), 280(1) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli 23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Sitta u Hamsin Kap ipremetta:**

Illi dejjem b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuza partikolarment dawk mis-sebgħa u erbgħin kap il-quddiem u ċioe nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu, fl-istess data meta seħħet is-serqa mertu tas-sebgħa u erbgħin Kap ta' din l-att tal-Akkuza, il-pulizija kienu rċevew rapport anonimu fl-għassa tal-Ħamrun fejn ġie rrapurtat li kien hemm vettura tal-għamla Peugeot 106 ta' lewn blu li kienet pparkjata bil-bieba tax-xufier miftuħa beraħ li kienet qed turi numri ta' reġistrazzjoni DAL623 li rrizultaw foloz. Skond dan ir-rapport din il-vettura kienet ilha pparkjata f'dak l-istat għal diversi siegħat senjatament minn x'il għaxra ta' filgħodu ta'dakinhar tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Awwissu 2006, li jikkombaċċa mal-ħin wara li d-delinkwenti fosthom Debono li kienu allegatament responsabbli għas-serqa fuq il-

vann tas-sigurta tal-għamla Ford Transit bin-numru BAB683, kienu ħarbu minn fuq il-post tas-serqa apparti l-fatt li din il-Peugeot 106 instabet f'post viċin ferm għal fejn kienet sussegwentement instabet il-Peugeot Partner li kienet intuzat mid-delinkwenti fosthom l-akkuzat Debono fil-mument tas-serqa kommessa fuq il-vann tas-sigurta'. Minn indaġni ulterjuri rrizulta li din il-Peugeot 106 li kellha n-numri ta' reġistrazzjoni orġinali EAK303, kienet insterqet fit-tlettax (13) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) minn Triq Santa Margerita, San Gwann għad-dannu ta' Windsor Car Hire Limited meta din il-vettura kienet tħalliet quddiem it-tellar tiegħu ġewwa San Ġwann minn Dennis Gatt lejliet is-serqa (wara nzul ix-xemx).

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) il-jum ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006), minn Triq Santa Margerita, San Gwann, ikkometta serq ta' vettura tal-għamla Peugeot 106, bin-numru ta' reġistrazzjoni EAK303, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' Dennis Gatt u/jew persuna u/jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur, talli bejn it-tnax (12) u t-tlettax (13) il-jum ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006), minn Triq Santa Margerita, San Gwann, ħati talli kkometta serq ta' vettura tal-għamla Peugeot 106, bin-numru ta' reġistrazzjoni EAK303, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur (li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94 u jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu - €2329.37), bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, liema serqa saret a detriment ta' Dennis Gatt u/jew persuna u/jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn ħames tlettax-il xahar (13) u mhux iżjed minn disa' snin (9), liema piena ma tingħatax fil-minimum tagħha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(g)(f), 263, 264, 265, 267, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(1)(b), 280(2) u

281(b) tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9), u l-artikoli 23, 23A, 49, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9) jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Seba' u Hamsin Kap ipremetta:**

Illi dejjem b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuza partikolarment dawk mis-sebgħa u erbgħin kap il-quddiem u ċioe nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu (09:15am), irriżulta li l-vettura Peugeot 106 li saret referenza għaliha fl-aħħar zewp kapi qabel dan u li intuzat mid-delinkwenti fosthom Daren Debono sabiex jassistu l-pjan tas-serqa tagħhom minn fuq il-vann tas-sigurta', allavolja reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni EAK303, kienet effettivament qed turi tarek ta' vettura b'numru differenti u ċioe DAL623.

Meta saru investigazzjonijiet aktar fil-fond fir-rigward tat-tarek in kwistjoni irriżulta li dawn kienu jappartjenu lill-vettura oħra tal-għamla Skoda 120L, liema vettura kienet tappartjeni lil Mario Zammit. Filfatt meta s-Sur Zammit ġie mitkellem mill-pulizija, hu nfurmahom illi nhar il-ħamsa u għoxrin jum (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sitta (2006), f'xi ħin bejn is-sagħtejn u l-għaxra nieqas kwart ta' filgħodu (02:00am – 09:45am), t-tarek tal-vettura tiegħu kienu nsterqu minn fuq il-vettura tiegħu minn Triq il-Kbira, Siġġiewi waqt li din il-vettura kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tiegħu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli fil-ħamsa u għoxrin (25) jum ta' Ġunju tas-sena elfejn u sitta (2006) bejn is-2:00am u d-9:45am minn Triq il-Kbira, Siggiewi, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Skoda 120L bin-numru ta 'reġistrazzjoni DAL623, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Mario Zammit u/jew persuna jew entita' oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli fil-ħamsa u għoxrin (25) jum ta' Ġunju tas-sena elfejn

u sitta (2006) bejn is-2:00am u d-9:45am minn Triq il-Kbira, Siggiewi, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Skoda 120L bin-numru ta 'reġistrazzjoni DAL623, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun, ġo dik il-vettura) li sar għad-dannu ta' Mario Zammit u/jew persuna jew entita' oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'mhux aktar minn sentejn (2) snin u mhux inqas minn seba' (7) xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(g), 271(g), 281(a), 49, 17, 20, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tmienja u Hamsin Kap ipremetta:**

Illi dejjem b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuza partikolarment dawk mis-sebgħa u erbgħin kap il-quddiem u ċioe nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu (09:15am), irriżulta li l-vettura Peugeot Partner li kienet intuzat matul is-serqa mill-vann tas-sigurta' mid-delinkwenti responsabbli fosthom l-akkuzat Daren Debono, allavolja reġistrata bin-numru ta' reġistrazzjoni GBE013 kienet effettivament qed turi tarek ta' vetturi b'numru differenti u ċioe AAU561.

Meta saru investigazzjonijiet aktar fil-fond fir-rigward tat-tarek in kwistjoni irriżulta li dawn kienu jappartjenu lill-vettura oħra tal-għamla Mercedes Benz liema vettura kienet reġistrata fuq Alfred Galea. Filfatt meta s-Sur Galea ġie mitkellem mill-pulizija, hu nfurmahom illi din il-karrozza kienet tħalliet għand ċertu Robert Agius sabiex isiru xi tiswijiet fuqha, liema vettura kienet baqgħet għand is-Sur Agius wara li s-sur Galea naqas milli jħallsilha l-ispejjez neċessarji sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa fiha. Filfatt irriuzlta li t-tarek tal-Mercedes Benz kienu nsterqu minn fuq din il-vettura filwaqt li kienet tinstab abbandunata ġewwa għalqa propjeta' tas-Sur Agius fi Triq il-Wied, Iklin

u dan fit-tlieta u għoxrin jum (23) tax-xahar ta' Awwissu 2006 jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli fit-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u/jew fil-jiem, ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel, minn għalqa fi Triq il-Wied, Iklin, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Mercedes-Benz 200 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAU561, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' Alfred Galea u/jew persuna jew entita oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli fit-tlieta u għoxrin (23) jum ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u/jew fil-jiem, ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel, minn għalqa fi Triq il-Wied, Iklin, ikkometta serq ta' par tarek mill-vettura Mercedes-Benz 200 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAU561, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa (meta jsir fuq vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-publiku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun, ġo dik il-vettura) li sar għad-dannu ta' Alfred Galea u/jew persuna jew entita oħra; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta'mhux aktar minn sentejn (2) u mhux inqas minn seba' (7) xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(g), 271(g), 281(b), 49, 17, 20, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fid-Disa' u Hamsin Kap ipremetta:**

Illi dejjem b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuza partikolarment dawk mis-sebgħa u erbgħin kap il-quddiem u ċioe nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu (09:15am), b'referenza partikolari għall-fatti deskritti fl-aħħar tlett kapi qabel dan, kif spjegat diġa, l-Peugeot Partner li ntuzat waqt is-serqa mid-delinkwenti fosthom Daren Debono, li suppost kellha n-numru ta' reġistrazzjoni GBE013, kienet

qed turi tarek bin-numru AAU561 li kienu legalment jappartjenu għall-vettura Mercedes Benz li saret referenza għaliha fit-tmienja u ħamsin Kap ta' din l-Att tal-Akkuża.

Illi l-għan ta' dan l-iskambju u użu lleġittimu ta' tarek mhux appartenenti lir-rispettivi vetturi sar bl-iskop li jinħoloq konfużjoni dwar l-identita' tal-vetturi biex b'hekk ukoll jinħoloq intralċ fl-investigazzjonijiet li l-pulizija eżekuttiva kienet qed tikkonduċi. Dawn it-tarek jikkonstitwixxu dokument legali bl-iskop ta' użu minn awtorita' pubblika bil-għan ta' identifikazzjoni fil-pubbliku u b'hekk l-iskambju xjenti kif magħmul wassal sabiex d-delinkwenti, fosthom l-akkużat Debono, li kienu allegatament responsabbli għas-serqiet tal-vetturi u tat-tarek in kwistjoni, xjentement għamlu użu ħażin ta' dawn it-tarek billi taw informazzjoni żbaljata għall-finijiet illeċiti tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' Peugeot Partner bin-numru GBE013 ma dawk misruqa mill-vettura Mercedes-Benz 200 bin-numru AAU561.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' Peugeot Partner bin-numru GBE013 ma dawk misruqa mill-vettura Mercedes-Benz 200 bin-numru AAU561; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn sentejn (2) jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 188(1),

11, 17, 23, 23A, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fis-Sittin Kap ipremetta:**

Illi dejjem b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuza partikolarment dawk mis-sebgħa u erbgħin kap il-quddiem u ċioe nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu (09:15am), b'referenza partikolari għall-fatti rriskontrati fl-aħħar erba' kapi qabel dan u kif spjegat diġa, irriżulta illi l-vettura Peugeot 106 li suppost kellha n-numru ta' reġistrazzjoni EAK303 u li tifforma l-mertu tas-sebgħa u ħamsin kap ta' din l-Att tal-Akkuża, kienet qed turi tarek bin-numru DAL623 li kienu legalment jappartjenu għall-vettura Skoda 120L li saret referenza għaliha fis-sebgħa u ħamsin kap ta' din l-Att tal-Akkuża.

Illi l-għan ta' dan l-iskambju u użu lleġittimu ta' tarek mhux appartenenti lir-rispettivi vetturi sar bl-iskop li jinħoloq konfużjoni dwar l-identita' tal-vetturi biex b'hekk ukoll jinħoloq intralċ fl-investigazzjonijiet li l-pulizija eżekuttiva kienet qed tikkonduċi. Dawn it-tarek jikkonstitwixxu dokument legali bl-iskop ta' użu minn awtorita' pubblika bil-għan ta' identifikazzjoni fil-pubbliku u b'hekk l-iskambju xjenti kif magħmul wassal sabiex d-delinkwenti, fosthom l-akkużat Debono, li kienu responsabbli għas-serqiet tal-vetturi u tat-tarek in kwistjoni, xjentement għamlu użu ħażin ta' dawn it-tarek billi taw informazzjoni żbaljata għall-finijiet illeċiti tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza,

jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' Peugeot 106 bin-numru EAK303 ma dawk misruqa mill-vettura Skoda 120L bin-numru DAL623.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' Peugeot 106 bin-numru EAK303 ma dawk misruqa mill-vettura Skoda 120L bin-numru DAL623; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux iżjed minn sentejn (2) jew multa skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 188(1), 11, 17, 23, 23A, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fil-Wiehed u Sittin Kap ipremetta:**

Illi dejjem b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuza partikolarment dawk mis-sebgħa u erbgħin kap il-quddiem u ċioe nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu (09:15am), irriżulta li minħabba l-iskambju tat-tarek kif imsemmi, u minħabba d-dikjarazzjoni falża hekk magħmula, id-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono, għamlu użu ħażin tat-tarek in kwistjoni li mar kontra l-iskop tagħhom legalment u dan peress li l-identifikazzjoni tal-vetturi in kwistjoni ġiet intralċata u vizzjata bl-iskambju tat-tarek kif preċedentement deskritt.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni

ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru AAU561 minflokk in-numri oriġinali GBE013.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru AAU561 minflokk in-numri oriġinali GBE013; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur (6) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1A) tal-Kaptiolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku) u l-artikoli 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tnejn u Sittin Kap ipremetta:**

Illi dejjem b'referenza għall-kapi preċedenti ta' din l-Att tal-Akkuza partikolarment dawk mis-sebgħa u erbgħin kap il-quddiem u ċioe nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu (09:15am), irriżulta li minħabba l-iskambju tat-tarek kif imsemmi fil-wieħed u sittin Kap ta' din l-Att tal-akkuza, u minħabba d-dikjarazzjoni falża hekk magħmula, id-delinkwenti fosthom l-akkużat Debono, għamlu użu ħażin tat-tarek in kwistjoni li mar kontra l-iskop tagħhom legalment u dan peress li l-identifikazzjoni tal-vetturi in kwistjoni ġiet intralċata u vizzjata bl-iskambju tat-tarek kif preċedentement deskritt.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, għamel użu minn

numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru DAL623 minflokk in-numri oriġinali EAK303.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati bħala ko-awtur talli nhar it-tlieta u għoxrin jum (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi wża żewġ pari tarek tar-reġistrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u ċioe numru DAL623 minflokk in-numri oriġinali EAK303; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur (6) jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1A) tal-Kaptiolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta (Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku) u l-artikoli 17, 23, 23A u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tlieta u Sittin Kap ipremetta:**

Illi fid-dawl tal-fatti kif deskritti fil-biċċa l-kbira tal-kapi ppostulati f'din l-att tal-akkuza senjatament fir-raba jum (4) tax-xahar ta' Jannar tas-sena 2010 għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am) kif ukoll fix-xhur u/jew snin ta' qabel din id-data, huwa evidenti mill-provi li huma riflessi fil-fatti kif deskritti mill-ewwel sad-disgħa u erbgħin Kap ta' din l-Att tal-Akkuza u tal-modus operandi li biha ġiet kommessa s-serqa tal-4 ta' Jannar 2010 li evidentement sar b'mod organizzat u bl-involviment ta' diversi persuni, fosthom l-akkuzat Debono fid-dawl tal-prova forensika riskontrata fil-konfront tiegħu, illi l-akkuzat Debono fiz-zminijiet imsemmija kien involva lilu nnifsu fl-organizazzjoni u fl-ippjanar ta' dan ir-reat kriminali li ġie kommess ma

persuni oħra kif ukoll li kien jappartjeni lil din l-organizazzjoni kriminali bl-intendiment li tiġi kommessa s-serqa msemmija li filfatt ġie tentat fid-data indikata.

Illi b'għemilu Daren Debono sar ħati talli fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) kif ukoll wara din id-data f'dawn il-gżejjer, appartjena għal-għaqda ta' żewġ persuni jew aktar li hija ġiet promossa, organizzata u ffinanzjata bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal zmien erba' snin jew iktar.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Daren Debono, ħati talli fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) kif ukoll wara din id-data f'dawn il-gżejjer, appartjena għal-għaqda ta' żewġ persuni jew aktar li hija ġiet promossa, organizzata u ffinanzjata bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal zmien erba' snin jew iktar; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux aktar minn ħames snin (5) u mhux inqas minn sena (1) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 83A(1)(b)(2), 23, 23A, 31, 49 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Illi l-Avukat Generali fl-Erbgha u Sittin Kap u l-Ahhar Kap ipremetta:**

Illi fid-dawl tal-fatti kif deskritti fil-biċċa l-kbira tal-kapi ppostulati f'din l-att tal-akkuza senjatament fir-raba jum (4) tax-xahar ta' Jannar tas-sena 2010 għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am) kif ukoll fix-xhur u/jew snin ta' qabel din id-data, kif ukoll fit-tlieta u għoxrin (23) jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) għall-ħabta tad-disgħa u kwart ta' filgħodu (9:15am), irriżulta ċar mill-investigazzjonijiet li l-akkużat kien assoċja ruħu u pparteċipa flimkien ma persuna oħra mhux identifikata fit-tentattiv u/jew fl-eżekuzzjoni tas-serqiet kommessi u fir-reati l-oħra kollha msemmija u marbuta ma dawn ir-reati. Evidentement, kif jirrizulta ċar mill-*modus operandi* elaborat u ppjanat sew minn qabel tas-serqa in kwistjoni, kien

sar xi ftehim bejn l-akkużat u persuna oħra sabiex jikkomettu dawn is-serqiet tant illi l-akkużat kien allegatament wieħed mill-persuni involuti fil-kummissjoni stess tagħhom, u dan kif ippruvat mill-provi forensiċi li ġew riskontrati matul l-investigazzjonijiet.

Illi b'għemilu l-imsemmi Daren Debono sar ħati talli fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) kif ukoll fit-tlieta u għoxrin (23) jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), kif ukoll fix-xhur u/jew snin ta' qabel dawn id-dati, f'dawn il-gżejjer, assoċja ruħu ma xi persna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għaliħ hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx dellitt taħt l-Att dwar l-Istampa.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Daren Debono, ħati talli, fir-raba jum (4) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) kif ukoll fit-tlieta u għoxrin (23) jum tax-xahar ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), kif ukoll fix-xhur u/jew snin ta' qabel dawn id-data, f'dawn il-gżejjer, assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għaliħ hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx dellitt taħt l-Att dwar l-Istampa; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlett snin (3) sa disa snin (9) skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 48A, 17, 23A, 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 273, 275, 277(b), 278, 279(b), 280(2), 281(a), 31(1)(a)(b)(i), 49 u 533 tal-Kodiċi

Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-akkuzat Darren Debono, pprezentata fir-registru ta' din l-Onorbbli Qorti fit-8 ta' Jannar 2018 fejn espona bir-rispett:

Li biha qieghed iressaq is-segwenti xhieda:

1. Rapprezentanti ta' Go plc, Melita plc u Vodafone plc
   Sabiex a bazi tad-data minnhom mizmuma jkun jistghu jaghtu l-lok tal-esponenti li fih kien fizikament fil-mument ta' kull serqa aggravata u tar-reati l-ohra kollha li huwa jinsab akkuzat bihom, fil-hin u fil-mument tal-fatti hekk kif l-Avcukat Generali qieghed jixlieh.

2. Ix-xhieda kollha indikati mill-Prosekuzzjoni ghall-kontro-ezami u f'kaz li ma jigux ingunti, sabiex jigu prodotti mill-akkuzat ghall-ezami taghhom.

Li biha qieghed iressaq il'quddiem is-segwenti eccezzjonijiet preliminari:

i. Dwar il-preskrizzjoni. Illi l-imputazzjonijiet migjuba l-quddiem fil-kapi numri 6, 40, 41, 42, 43, 44, 45, 46, 49, 52, 53, 55, 57, 58, 59, 60, 61 u 62 huma lkoll preskritti u dana ta' l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali. Illi din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikoli 449(1)(c) u 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali, u dana stante l-estinzjoni tal-azzjoni a bazi ta' preskrizzjoni.

ii. Dwar in-*nexus* li jorbot l-akkuzat mal-imputazzjoni. Illi din l-eccezzjoni qeghda tinghata fil-konfront tal-kapi kollha tal-Att ta' Akkuza. L-Avukat Generali fil-parti narrattiva ta' l-Ewwel Kap u tal-Kap 47 jaghti stampa ta' x'sehh f'jum partikolari u jispjega kif u fejn instab xi DNA tal-akkuzat. Min hemm l-Avukat Generali jaghmel ezercizzju ta' sillologizmu mhux biss f'dawn iz-zewg kapi izda fil-kapi l-ohra kollha li jsegwu in konnessjoni ma

kull incident, u minghajr ma josserva d-dettami tal-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali. Illi din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikoli 449(1)(b) u 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

iii. Dwar ir-recidiva. Illi l-Avukat Generali f'certa kapi jishaqq li ghandu japplika fil-konfront ta' l-esponenti l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali u f'ohrajn le. L-ghazla hija tieghu la huwa qieghed jakkuza. Madanakollu, jekk qieghed jishaqq li ghandu japplika fil-konfront tal-esponenti dan l-artikolu ghandu jkun l-istess Avukat Generali li qieghed jakkuza lill-esponenti li jispecifika a bazi ta' x'hiex qieghed jishaqq hekk, a bazi ta' liema prova in atti qieghed jghid hekk. Illi din l-eccezzjoni qeghda tinghata a tenur tal-artikoli 449(1)(b) u 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

iv. Dwar ir-rule against duplicity. Illi l-esponenti jishaq li l-mod ta' kif inhuwa redatt l-Att ta'Akkuza huwa bi ksur tad-dritt tar-rule against duplicity, hekk prattikata u applikata sa mis-seklu 18[1], f'dawk il-pajjizi li jhaddmu Sistema tal-gurija li tittracca l-origin taghha fis-sistema anglo sassona. Din l-eccezzjoni qeghda tinghata fid-dawl tal-fatt li ghal vjolazzjoni ta' l-istess artikolu tal-ligi, l-Avukat Generali qieghed jakkuza lill-esponenti aktar

[1] Fir-Renju Unit

minn darba. Din l-eccezzjoni qeghda tingab il'quddiem fil-konfront tas-segwenti Kapi:

<u>Mill-kaz tal-4 ta' Jannar 2006:</u>

a. Dwar l-akkuza dwar il-hsara: 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15.
b. Dwar l-akkuza dwar is-serq tal-vetturi: 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 26.
c. Dwar l-akkuza dwar is-serq ta' tarek: 27, 28, 29, 30, 31, 32[2].
d. Dwar l-akkuza dwar stqarrija falza: 33, 34, 35, 36, 37, 38, 39.
e. Dwar l-akkuza dwar uzu hazin tat-tarek: 40, 41, 42, 43, 44, 45, 46.

Mill-kaz tat-23 t'Awwissu 2006:

a. Dwar l-akkuza dwar is-serq: 54, 55, 56, 57, 58.
b. Dwar l-akkuza dwar stqarrija falza: 59 u 60.
c. Dwar l-akkuza dwar uzu hazin tat-tarek: 61 u 62.

Illi din l-eccezzjoni qeghda tinghata a tenur tal-artikolu 449(1)(g) tal-Kodici Kriminali.

v. Dwar l-inammissibilita' ta' evidenza – dwar Dr. Marisa Cassar u x-xoghol minnha maghmul u r-rapporti minnha mhejjija.

Analizi tar-rapport tal-espert imsemmija, kif ukoll tal-legislazzjoni nostrana fil-kamp in materja, turi kif ma huwiex maghruf a bazi ta' liema standard utilizzat l-imsemmija esperti sabiex tasal ghal konkluzjoni taghha, kif ukoll ma huwiex maghruf l-apparat taghha ma liema standard huwa kompattibbli u dana stante li mhux biss ma jemergi xejn min dan kollu fir-relazzjonijiet taghha izda wisq u wisq anqas meta wiehed jqis li pajjizna

---

[2] Data ma non concesso li ghalkemm fil-parti akkuzatorja ma hemmx il-kelma "seraq" dan qieghed jkun meqjus bhala ..u ma hemmx dubbju li dan il-kap jitratta dwar serq tenut kont ta' l-artikoli tal-ligi citati

ghandu nuqqas car ta' ligi f'dan is-sens. Illi tenut kont li z-zewg incidenti sehhew wara li Malta saret membru shih tal-Unjoni Ewropeja, l-agir ta' l-espert, kif ukoll in-nuqqas ta' agir tal-pajjiz, jwassal sabiex id-drittijiet moghtija lil kull akkuzat skond id-dritt Ewropew huma lezi.

Ghaldaqstant, a tenur u bis-sahha tal-artikolu 5 tal-Kap. 460 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti qieghed jitlob li ssir riferenza lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, sabiex din is-sitwazzjoni tkun iccarata skont id-dritt penali Ewropew. Kif ukoll sabiex a bazi in segwitu tad-decizjoni tal-imsemmija Qorti, dina l-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tiddikjara li x-xhud Dr. Marisa Cassar u r-rapporti taghha huma provi inammissibbli f'dawn il-proceduri.

vi. Dwar l-inammissibilita' ta' evidenza – dwar ix-xhieda tax-xhieda mismugha mill-Periti mahtura fl-In-Genere.

Tenut kont tal-fatt li l-Kodici Kriminali jesigi li deposizzjonijiet ghandhom isir fil-Qorti viva voce u li jistghu jingiebu biss bhala prova dawk id-deposizzjonijiet moghtija quddiem il-Qorti Istruttorja taht certu cirkostanzi biss, tenut kont tal-fatt li l-Kodici Kriminali ma jaghtix lok li d-deposizzjonijiet migbura mill-esperti jistghu jingabu l'quddiem bhala prova, l-esponenti qieghed jitlob li tali deposizzjonijiet misjuba fir-rapporti tal-periti kollha mahtura f'kull Inkjesta dwar l-In-Genere, jigu dikjarati bhala provi inammissibbli.

vii. Dwar l-inammissibilita' ta' evidenza – dwar il-perit legali Dr. Anthony Cutajar.

Tenut kont li l-Kodici Kriminali jeskludi l-possibilita' li fl-istadju ta' l-In genere jinhatar espert sabiex huwa jisma' x-xhieda[3], galadarba dan l-espert

[3] ..izda tal-Artikolu 548 tal-Kodici Kriminali

inhatar ghal dan il-ghan, dan ix-xhud u r-relazzjoni tieghu ghandhom jigu meqjusa bhaal provi inammissibbli.

viii. Dwar l-Inammissibilita' ta' evidenza – dwar l-inkjesta dwar l-In genere PV 252/13 in konnessjoni ma sejba ta' vettura gewwa l-Hamrun nhar il-4 ta' Dicembru 2009 (vol III fol 337 et seq).

Tenut kont tal-fatt li din l-inkjesta ma titratta l-ebda kaz mertu ta' dawn il-proceduri, u kjarament ma ghandha l-ebda rabta mal-istess fatti mertu ta' dawn il-proceduri, din l-inkjesta u dak kollu li johrog minnha ghandhom jigu meqjusa bhala prova inammissibbli.

ix. Dwar l-inammissibilita' ta' evidenza – dwar l-inkjesta dwar l-In genre PV 706/08 in konnessjoni ma hold-up fuq van tas-City Security fi Triq is-Sebh Qormi nhar it-23 ta' Awwissu 2006 (vol II fol. 53 et seq) u dwar l-inkjesta dwar l-In genere in konnessjoni ma attentat ta' hold-up fuq van tas-security service f'Santa Venera fl-4 ta' Jannar 2010 (vol IV fol. 405 et seq).

Illi l-Kodici Kriminali permezz tal-artikolu 547(1) jesigi li l-access jsir minn Magistrat. Di piu l-artikolu 546(3) tal-istess Kodici jesigi aktar u aktar li l-access jsir minn Magistrat meta si tratta ta' serq kif inhuwa l-kaz odjern. Galadarba l-ebda wiehed mill-Magistrati li mexxew dawn l-inkjesti dwar l-In genere ma zammet access huma u galadarba huma d-delegaw l-access lil terzi u dan bi vjolazzjoni tal-obbligi mposti fuqhom ex lege, a bazi tal-principju quod nullum est nullum producit effectum, l-esponenti jtenni li l-inkjesti hawn citati huma monki, nulli u bla effett u kwindi anke huma nulli l-hatriet tal-istess esperti, u b'hekk dawk l-esperti hekk kollha mahtura huma u jistghu biss jitqiesu bhala xhieda pajzana minghajr id-dritt li jaghtu opinjoni. Ghaldaqstant sia l-inkjesti per se, kif ukoll kull opinjoni li setaw

taw jew li ghad iridu jaghtu dawn l-esperti fil-proceduri, ghandhom jitqiesu bhala provi inammissibbli.

Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponenti a tenur ta' l-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti kollha proċesswali, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat dak li gie verbalizzat waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2022 sabiex tigi trattata limitatament l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

Rat illli fis-seduta tat-12 ta' Mejju l-partijiet regghu qablu li din il-Qorti taghti sentenza limitatament dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif imressqa mill-avukat difensur bin-numru 2B nhar it-8 ta' Jannar 2018.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar din l-eccezzjoni. L-avukat difensur isostni li l-perijodu ta' preskrizzjoni bdiet tiddekorri minn dak in-nhar li l-pulizija baghtet ghall-akkuzat odjern u haditlu l-istatement tieghu u dan stante li dak in-nhar inghata il-caution u ghalhekk kien qed jigi trattat bhala suspettat. Illi mill-atti jirrizulta Fol. 21 Vol. 1 illi l-akkuzat kien irilaxxa stqarrija nhar it-13 t' Ottubru, 2010 fejn ghazel li ma jwegibx ghad-domandi mposti lilu kif del resto kellu dritt jaghmel skond il-ligi. Jirrizulta wkoll li nhar is-17 ta' Lulju, 2013 (Fol. 25 Vol. 1) il-pulizija regghet baghtet ghal Darren Debono fejn rega' gie mistoqsi diversi domandi, inkluz dawk relatati mar-rizultanzi tar-rapport ta' Dr. Marisa Cassar fejn ukoll ghazel li ma jwegibx. Il-pulizija regghet baghtet ghal Darren Debono ghal darb'ohra nhar it-28 ta' Mejju, 2004 (Fol. 28 Vol. 1) fejn rega' ghazel li ma jwegibx id-domandi mposti lilu. Fit-tlett dikjarazzjonijiet li hu rrilaxxa jigi rilevat li l-akkuzat irrifjuta l-jedd ghall-parir legali. M'hemmx dubbju pero' mis-suespost illi zgur li mit-13 t' Ottubru, 20160 sakemm tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, l-akkuzat kien ga kkunsidrat bhala suspettat.

Il-prosekuzzjoni sostniet mill-banda l-ohra, li l-preskrizzjoni bdiet tiddekorri una volta r-rizultat tal-esperta Dr. Marisa Cassar nominata fl-inkjesta dwar hold up fuq van tas-City Security fi Triq is-Sebh Qormi nhar it-23 t'Awwissu 2006 gie pprezentat fil-proces verbal fl-atti tal-inkjesta. Minn ezami tal-atti jirrizulta li Christopher Farrugia kien gie originarjament nominat bhala serologista fl-atti tal-istess inkjesta. Jidher li minn seduta mizmuma mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella (fol. 322 Vol. 2) Darren Debono, l-akkuzat odjern deher quddiem il-Magistrat izda rrifjuta li jaghti kampjun non-intimu tad-DNA tieghu u li fil-fatt Dr. Giannella Caruana Curran ghan-nom tieghu ddikjarat li kienet bi hsieba tintavola kawza kostituzzjonali. Fil-fatt jirrizulta li nhar il-11 ta' Novembru, 2010 (Fol. 324 Vol. 2) Dr. Giannella, llum Demarco, kienet infurmat lil qorti li kienet intavolat rikors kostituzzjonali u ghalhekk il-Magistrat kien issospenda b'mod indefinit it-tehid tal-kampjun tad-DNA minn fuq il-persuna ta' Darren Debono u ohrajn, pendenti l-ezitu tar-rikors kostituzzjonali.

Illi jirrizulta li nhar il-5 t'April, 2013, ir-referenza kostituzzjonali li kien ghamel Debono fil-11 ta' Novembru, 2010, propju dwar il-mertu tal-istess talba ghat-tehid ta' *buccal swab*, kienet giet deciza b'mod definittiv mill-Qorti kostituzzjonali nhar l-5 t' April, 2013 fejn fost ohrajn it-talba ghat-tehid ta' *buccal swab* minn fuq il-persuna ta' Darren Debono giet sanzjonata ghalhekk l-Ufficjal investigattiv Joseph Mercieca kien talab il-hrug ta' Mandat t' Arrest ai termini tal-Artikolu 355 et seq. tal-Kap. 9 fil-konfront ta' Darren Debono bil-ghan li jittiehed *buccal swab* minn fuq il-persuna tal-istess Darren Debono taht il-parametri stabbiliti fis-sentenza kostituzzjonali biex b'hekk il-proces verbal li kien ilu pendenti ghal seba' snin ikun jista' jigi konkluz.

Illi fl-atti jirrizulta illi inhareg mandat t'arrest fid-9 ta' Lulju, 2013, fil-konfront ta' Darren Debono, limitatament u dejjem in konnessjoni mal-istess investigazzjoni dwar il-hold-up li twettaq fuq il-cash van tas-socjeta' City Security Limited, fi Triq is-Sebh Qormi, nhar it-23 t' Awwissu, 2006 (Fol. 327 Vol 2) liema reat jikkonfigura f' Kap 47 tal-Att t' Akkuza. Illi jirrizulta in segwitu li Dr. Marisa Cassar giet nominata sabiex taghmel l-analizi ta' komparazzjoni bejn il-kampjun TH1 u TH2 li gew elevati minn PS659 Jeffrey Hughes u mghoddija lil Chris Farrugia skond submission form esebita

fl-atti u mmarkata bhala Dok. 06CIVJH22 (Fol. 159-160 Vol. 2) u l-kampjuni orali ta' Darren Debono u dan b'digriet tal-allura Magistrat Anthony Vella datat nhar it-22 ta' Lulju, 2013 u cioe' seba' snin wara li sehh l-allegat reat. L-imsemmija Dr. Marisa Cassar prezentat ir-rapport taghha fl-atti a fol. 328, datat 16 t' Ottubru, 2013. Mill-konkluzjoni ta' din ir-relazzjoni jirrizulta, mill-fhema ta' din l-espert *'li meta wiehed jikkunsidra l-profil genetiku li hareg mill-kampjuni TH1 u TH2, l-ipotezi li l-profil genetiku li hareg mill-kampjun tad-demm hu ta' Darren Debono hija 4.76 x* $10^{15}$ *iktar probbali li l-ipotezi, li l-profil genetiku li hareg mill-kampjun tad-demm hu ta' persuna ohra fil-popolazzjoni (H2) (likelihood ratio – 4.76 x* $10^{15}$*)'*. Din ir-relazzjoni giet ghalhekk mibghuta lil Avukat Generali nhar it-22 ta' Novembru, 2013 (Fol. 332).

Fit-tieni eccezzjoni, l-avukat difensur isostni illi hemm numru ta' Kapi li huma preskritti ai terminu tal-Artikolu 688 tal-Kap. 9, partikolarment il-Kapi 6, 40, 41, 42, 43, 44, 45, 46, 49, 52, 53, 55, 57, 58, 59, 60, 61 u 62. Illi ghalhekk l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti huwa fl-ewwel lok sabiex tindika meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni fil-konfront tal-akkuzat odjern fir-rigward ta' dawn l-istess Kapi b'mod individwali u dan sabiex tara jekk effettivament dawn ir-reati humiex preskritti.

Ikkunsidrat:

Skond l-artikolu 691 tal-Kap. 9

> *'iz-zmien tal-preskrizzjoni ghar-reati kkunsmati jibda mill-jum tal-konsumazzjoni, ghall-attentati mill-jum li fih isir l-ahhar att t'ezekuzzjoni: ghar-reati kontinwati mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi u ghar-reati permanenti mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat.'*

L-artikolu 692 tal-Kodiċi Kriminali izid billi jipprovdi iz-zmien tal-preskrizzjoni ghad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-hati ma jkunx maghruf.

L-artikolu 689 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk :

*Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva.*

Illi din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Omissis** tal-25 ta' Settembru 2018 għamlet dawn is-segwenti konsiderazzjonijiet : -

Il-Qorti rat ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Martin Sammut) vs Michael Vella**[4] fejn ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija kontra Paul Vella**[5]. Illi l-Qorti ikkunsidrat b'mod specjali dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha u tikkwota testwalment:

*"Meta si tratta ta' komputazzjoni ta' preskrizzjoni sabiex jigi stmat kemm hu z-zmien preskrizzjonali wiehed ghandu jara l-akkuza kif dedotta u minn hemm hekk wiehed jikkalkola dan iz-zmien u mhux jikkalkola z-zmien skond ir-rizultanzi fuq il-meritu, aktar u aktar meta s-sentenza fil-fatt, fil-kaz in ezami, ma kkunsidratx il-provi fil-meritu, izda laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin in bazi tal-akkuzi.*
*Ghal dak li jikkoncerna z-zmien preskrizzjonali fil-kaz odjern, dan jigi kalkolat mill-jum li fih isir l-ahhar ksur tal-ligi skont l-akkuza."*

Din il-Qorti taqbel ma' dak ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Joseph Borg**[6]**.** Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 689 tal-Kap. 9 li jghid:

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriinali nhar is- 6 ta' Frar, 2002
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriinali nhar is- 18 ta' April, 2000
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriinali nhar is-  fl-10 ta' Mejju, 2000

*"Ghall-effetti tal-preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun **oridinarjament**[7] suggett, apparti kull skuza jew cirkostanza ohra partikolari li, minhabba fiha, skond il-ligi, r-reat ikun suggett ghal piena izghar; lanqas ma ghandhu jittiehed qies taz-zieda fil-piena minhabba recidiva."*

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk hu necessarju sabiex din il-Qorti tistabilixxi meta l-hati jew allegat hati kien gie maghruf lill-pulizija ezekuttiva. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali, nhar it-22 ta' Novembru, 2012, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Coleiro**, fejn ukoll kienet qajjmet il-kwistjoni ta' meta l-allegat hati kien gie maghruf lill-pulizija, il-Qorti stqarret li *'l-fatt principali li kellha toqghod fuqha l-Qorti kien il-fatt li l-hati sar maghruf meta rrilaxxa t-tieni stqarrija fil-5 ta' Settembru, 2010.'*

F'din l-istess sentenza saret referenza ghall-sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminal tal-30 t' Ottubru, 2001, fejn inter alia gie ccitatdak li qal il-mibki Professur Mamo[8]:

***"Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one's own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles.***

***"The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, either because the commission of the offence is ignored, or because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. Sec. 664***

[7] Sottolinejat minn din l-Onorabbli Qorti
[8] Notes on Criminal Procedure, p. 33-34.

***[illum art. 692] lays down that in respect of crimes ... prescription does not run when the offender is unknown. This word 'unknown' has been construed as meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender….***

***"In Criminal Appeal 'Formosa v. Zarb Cousin (Law Reports, Vol. XXV, Pt. iv, p. 936) it was stated that the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. <u>The rule does not apply where the commission of the crime itself is unknown to the complainant or to the prosecutor.</u> The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone, and it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these Islands.***

***<u>"The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v. Coleiro, 26/7/41[9] , because as the Court observed, the rule 'contra non valentem agree non currit praescriptio' admitted in Civil Law, did not apply in criminal matters</u> (cfr. Also Cr. App.Police v. Agius, 3/2/47)." (sottolinear f'dan il-bran ta' din il-Qorti.)***

[9] Dan kien Appell Kriminali fl-ismijiet Lucia Farrugia v. Ganni Coleiro deciz fis-26 ta' Lulju 1941 per Imhallef W. Harding, Vol. XXXI.iv.407

Ghalhekk, fid-dawl tal-bran hawn fuq riprodott din il-Qorti ma tistax hlief taqbel mal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Jannar, 2011 fl-istess ismijiet citati supra, **<u>Il-Pulizija vs Christopher Coleiro</u>**, meta ghamlet referenza gahs-sentenza moghtija mill-Qorti di Cassazione di Napoli nhar is-17 t' April 1886 meta qalet *'La prescrizione dell'azione penale incomincia a decorrere dal giorno in cui il reato fu commesso, tanto se fu subito conosciuto, quanto se rimase ignorato.'*[10]

Illi ghalhekk dak li ssottometta l-Avukat Generali li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mal-prezentata tar-rapport ta' Dr. Marisa Cassar ma jaghmilx sens. Fl-ewwel lok ghaliex dan ir-rapport jaghmel referenza biss ghal inkjesta wahda partikolari li taghmel referenza ghall-Kap. tal-Akkuza numru sebgha u erbghin u fit-tieni lok ghaliex qabel ma sar l-ezami komparattiv minn Dr. Marisa Cassar, b'referenza ghal din l-inkjesta, l-akkuzat kien diga gie nvestigat mill-pulizija nhar it-13 t' Ottubru, 2010 u ghalhekk il-preskrizzjoni ghandha tibda tiddekorri minn dan il-jum.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost, jirrizulta ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li l-akkuzat Darren Debono kien ga maghruf mal-pulizija meta baghtet ghalih sabiex tinvestigah fejn irilaxxa l-ewwel stqarrija tieghu nhar it-13 t' Ottubru, 2010, minkejja li wara din id-data gew mehuda zewg stqarrijiet ohra fis-sena 2013 u 2014 u minkejja dan l-akkuzat tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014.

Ghalhekk jispetta lil din il-Qorti sabiex tezamina kull Kap. t'Akkuza identifikata mid-difiza fit-tieni eccezzjoni taghha sabiex tistabilixxi liema huma, jekk verament hemm, dawk il-Kapi tal-akkuza li huma preskritti.

**<u>Fl-ewwel lok,</u>** l-Avukat difensur jaghmel referenza ghas-sitt Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament nhar l-4 ta' Jannar, 2010 gewwa Hal Qormi, l-

[10] (Cassaz. Di Napoli 17 aprile 1886 (Sezione unite), Ric. Fusco, Est. Ciollaro. Giurispr. Pen., A. 1886, 426; Legge, A. 1886, II, 167, 213; Racc. Bettini, XXXVIII, 173) – Il Codice Penale per il Regno d'Italia Vol. Quarto, Giulio Crivellari Torino, Unione Tipografico – Editrice, 1892, para. 218 p. 616.V; "Il termine di prescrizione decorre anche se il reato sia rimasto occulto per un tempo", Vincenzo Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, p. 492.

akkuzat gar arma fil-kors tal-kummissjoni tar-reat u dan minghajr l-ebda ghan legittimu, dawn l-armi gew sparati fid-direzzjoni tal-allegati vittmi Joseph Mallia, Carmelo Olivieri u Joseph Mangion filwaqt li dawn kienu gewwa l-cash van, wara dan l-istess van kien gie ostakolat fit-triqtu lejn centru Ruzar Briffa, Qormi, senjatament gewwa Triq Hal Qormi, Santa Venera. Illi r-reat in kwistjoni hu dak kontemplat fl-Artikolu 18(2)(a) u 27(3)(a)(b) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, Avviz Legali 79 tas-sena 2006 fejn il-piena hi dik ta' mhux inqas minn 116.46 Euro u mhux iktar minn 1,164.69 Euro, u dan kif jixhdu l-artikoli sucitati:

> *18(2) (a) Ebda persuna m'ghandha ggorr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-ghata taghha, jew jispara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew Jona abitata ohra, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinçipali jew arterjali*
>
> *Izda din id-distanza ta' 50 metru ma tkunx tapplika fil-kaz ta' toroq sekondarji u moghdijiet fil-kampanja.*
>
> *Izda wkoll is-senter m'ghandux ikun immirat fid-direzzjoni tat-triq, kemm jekk din tkun prinçipali, arterjali, sekondarja jew moghdija fil-kampanja.*
>
> *27(3) Kull persuna li twettaq reat kontra kull regolament iehor mhux imsemmi fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, tista' tehel:*
>
> *(a)meta tinstab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn hamsin lira Maltija (Lm50) izda mhux izjed minn hames mitt lira Maltija (Lm500)*
>
> *(b) meta jinstab hati ghat-tieni darba jew izjed drabi, multa ta' mhux anqas minn mitt lira Maltija (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira*

> *Maltija (Lm1,000), jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn, jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien u l-konfiska tal-corpus delicti. Il-Qorti tista' wkoll tordna s-sospensjoni tal-liçenza jew permess ghall-perjodu ta' mhux inqas minn sena izda mhux izjed minn tlett snin*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (e) li jiddisponi s-segwenti*: 'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet'.* Konsegwentament, stante li l-prosekuzzjoni kienet diga taf dwar l-akkuzat fit-13 t' Ottubru, 2010 u tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kienu ghaddew u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dan il-Kap. tal-akkuza u tiddikjara preskritta.

**Fit-tieni lok**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghall-erbghin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament nhar l-4 ta' Jannar, 2010 gewwa Hal Qormi, ghamel uzu hazin ta' tarek u ghalhekk mar kontra l-iskop taghhom legalment u dan peress li l-identifikazzjoni tal-vetturi in kwistjoni giet intraccata u vvizjata bl-iskambju tat-tarek. Illi r-reat in kwistjoni hu dak kontemplat fl-Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> *'(1A) Kull persuna li tagħmel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew millAwtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat u, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.'*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (e) li jiddisponi s-segwenti*: 'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet'.* Konsegwentament, stante li l-prosekuzzjoni kienet diga taf dwar l-akkuzat fit-13 t' Ottubru, 2010 u tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kienu ghaddew u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dan il-Kap. tal-akkuza u tiddikjara preskritta.

**<u>Fit-tielet lok</u>**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghall-wiehed u erbghin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament nhar l-4 ta' Jannar, 2010 gewwa Hal Qormi, ghamel uzu min-numru ta' identifikazzjoni, xort' ohra minn dak moghti mill-pulizija jew awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi uza zewg pari tarek tar-registrazzjoni tal-vettura oltre minn dawk assenjati mill-istess vetturi u cioe' EBL831 minflok in-numru original CAF197. Illi r-reat in kwistjoni hu dak kontemplat fl-Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> *'(1A) Kull persuna li tagħmel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew millAwtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat u, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.'*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (e) li jiddisponi s-segwenti*: 'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet'.* Konsegwentament, stante li l-prosekuzzjoni kienet diga taf dwar l-akkuzat fit-13 t' Ottubru, 2010 u tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014,

il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kienu ghaddew u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dan il-Kap. tal-akkuza u tiddikjara preskritta.

**Fir-raba' lok**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghall-tnejn u erbghin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament nhar l-4 ta' Jannar, 2010 gewwa Hal Qormi, ghamel uzu min-numru ta' identifikazzjoni, xort' ohra minn dak moghti mill-pulizija jew awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi uza zewg pari tarek tar-registrazzjoni tal-vettura oltre minn dawk assenjati mill-istess vetturi u cioe' BAB516 minflok in-numru original GBB521. Illi r-reat in kwistjoni hu dak kontemplat fl-Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> *'(1A) Kull persuna li tagħmel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat u, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.'*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (e) li jiddisponi s-segwenti*: 'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet'.* Konsegwentament, stante li l-prosekuzzjoni kienet diga taf dwar l-akkuzat fit-13 t' Ottubru, 2010 u tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kienu ghaddew u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dan il-Kap. tal-akkuza u tiddikjara preskritta.

**Fil-hames lok**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghat-tlieta u erbghin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament nhar l-4 ta' Jannar, 2010 gewwa Hal

Qormi, ghamel uzu min-numru ta' identifikazzjoni, xort' ohra minn dak moghti mill-pulizija jew awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi uza zewg pari tarek tar-registrazzjoni tal-vettura oltre minn dawk assenjati mill-istess vetturi u cioe' BBI975 minflok in-numru original LCF219. Illi r-reat in kwistjoni hu dak kontemplat fl-Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> *'(1A) Kull persuna li tagħmel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat u, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.'*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (e) li jiddisponi s-segwenti*: 'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet'.* Konsegwentament, stante li l-prosekuzzjoni kienet diga taf dwar l-akkuzat fit-13 t' Ottubru, 2010 u tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kienu ghaddew u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dan il-Kap. tal-akkuza u tiddikjarha preskritta.

**Fis-sitt lok**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghall-erbgha u erbghin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament nhar l-4 ta' Jannar, 2010 gewwa Hal Qormi, ghamel uzu min-numru ta' identifikazzjoni, xort' ohra minn dak moghti mill-pulizija jew awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi uza zewg pari tarek tar-registrazzjoni tal-vettura oltre minn dawk assenjati mill-istess vetturi u cioe' CBP547 minflok in-numru original KBF498. Illi r-reat in kwistjoni hu dak kontemplat fl-Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

*'(1A) Kull persuna li tagħmel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat u, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.'*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (e) li jiddisponi s-segwenti: *'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet'.* Konsegwentament, stante li l-prosekuzzjoni kienet diga taf dwar l-akkuzat fit-13 t' Ottubru, 2010 u tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kienu ghaddew u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qedgha tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dan il-Kap. tal-akkuza u tiddikjarha preskritta.

**Fis-seba' lok**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghall-hamsa u erbghin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament nhar l-4 ta' Jannar, 2010 gewwa Hal Qormi, ghamel uzu min-numru ta' identifikazzjoni, xort' ohra minn dak moghti mill-pulizija jew awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi uza zewg pari tarek tar-registrazzjoni tal-vettura oltre minn dawk assenjati mill-istess vetturi u cioe' BQZ221 minflok in-numru original BAD182. Illi r-reat in kwistjoni hu dak kontemplat fl-Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

*'(1A) Kull persuna li tagħmel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat u, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.'*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (e) li jiddisponi s-segwenti*: 'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet'.* Konsegwentament, stante li l-prosekuzzjoni kienet diga taf dwar l-akkuzat fit-13 t' Ottubru, 2010 u tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kienu ghaddew u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qedgha tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dan il-Kap. tal-akkuza u tiddikjarha preskritta.

**<u>Fit-tmien lok</u>**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghas-sitta' u erbghin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament nhar l-4 ta' Jannar, 2010 gewwa Hal Qormi, ghamel uzu min-numru ta' identifikazzjoni, xort' ohra minn dak moghti mill-pulizija jew awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi uza zewg pari tarek tar-registrazzjoni tal-vettura oltre minn dawk assenjati mill-istess vetturi u cioe' FRN171 minflok in-numru original HBA802. Illi r-reat in kwistjoni hu dak kontemplat fl-Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> *'(1A) Kull persuna li tagħmel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew millAwtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat u, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.'*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (e) li jiddisponi s-segwenti*: 'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet'.* Konsegwentament, stante li l-prosekuzzjoni kienet

diga taf dwar l-akkuzat fit-13 t' Ottubru, 2010 u tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kienu ghaddew u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dan il-Kap. tal-akkuza u tiddikjara preskritta.

**<u>Fid-disa' lok</u>**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghall-wiehed u erbghin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament nhar it-23 t' Awwissu, 2006 ghal habta ta' 9.15am gewwa Triq il-Mithna ma' Triq is-Sebh Qormi, bla Ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta' taghhom jew ta l-post biex fih dawn il-persuni jigu arrestati, mizmuma jew sekwestrati b'dan illi l-persuni arrestati mizmuma jew issekwestrati gew offizi fuq il-persuna taghom jew mhedda bil-mewt u/jew id-delitt ikun sar bil-hsieb t'estorzjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex il-persuni ohra jkunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom u dan skond l-Artikoli 86, 87(1)(c)(e) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 87(1)(c)(e) fis-sena 2006 jipprovdi bhala piena '*prigunerija minn sitt xhur sa sentejn.*' Artikolu kien jipprovdi l-istess piena.

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (e) li jiddisponi s-segwenti*: 'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet'.* Konsegwentament, stante li l-prosekuzzjoni kienet diga taf dwar l-akkuzat fit-13 t' Ottubru, 2010 u tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kienu ghaddew u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dan il-Kap. tal-akkuza u tiddikjara preskritta.

**<u>Fl-ghaxar lok</u>**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghat-tnejn u hamsin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament nhar it-23 t' Awwissu, 2006 ghal habta ta' 9.15am gewwa Triq il-Mithna ma' Triq is-Sebh Qormi, garr arma tan-nar, kemm

jekk ikkargata u kemm jekk m'hix fl-ghata taghha jew li spara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal jew zona abitata ohra jew f'medda ta' hamsin metru minn toroq principali jew arterjali ai termini tal-Artikolu 18(2)(a) u 27(3)(a) or (b) tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi A.L. 79 ta' 2006 fejn il-piena f'kaz ta' htija ma hix inqas minn 116.46 Euro u mhux iktar minn 1,164.69 Euro, u dan kif jixhdu l-artikoli sucitati:

*18(2) (a) Ebda persuna m'ghandha ggorr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-ghata taghha, jew jispara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew ]ona abitata ohra, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinçipali jew arterjali*

*Izda din id-distanza ta' 50 metru ma tkunx tapplika fil-kaz ta' toroq sekondarji u moghdijiet fil-kampanja.*

*Izda wkoll is-senter m'ghandux ikun immirat fid-direzzjoni tat-triq, kemm jekk din tkun prinçipali, arterjali, sekondarja jew moghdija fil-kampanja.*

*27(3) Kull persuna li twettaq reat kontra kull regolament iehor mhux imsemmi fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, tista' tehel:*

*(a) meta tinstab hatja ghall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn hamsin lira Maltija (Lm50) izda mhux izjed minn hames mitt lira Maltija (Lm500)*

*(b) meta jinstab hati ghat-tieni darba jew izjed drabi, multa ta' mhux anqas minn mitt lira Maltija (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira Maltija (Lm1,000), jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn, jew ghal dik il-multa u prigunerija flimkien u l-konfiska tal-corpus delicti. Il-Qorti tista' wkoll tordna s-*

*sospensjoni tal-liçenza jew permess ghall-perjodu ta' mhux inqas minn sena izda mhux izjed minn tlett snin*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (e) li jiddisponi s-segwenti: *'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet'.* Konsegwentament, stante li l-prosekuzzjoni kienet diga taf dwar l-akkuzat fit-13 t' Ottubru, 2010 u tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kienu ghaddew u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dan il-Kap. tal-akkuza u tiddikjara preskritta.

**Il-hdax-il lok**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghat-tlieta u hamsin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament nhar it-23 t' Awwissu, 2006 ghal habta ta' 9.15am gewwa Triq il-Mithna ma' Triq is-Sebh Qormi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont tal-ħsara jiskorri l-mija u sittax punt sebgħa u erbgħin Euro (€116.47) iżda ma jiskorrix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u dan skond l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:

*'325. (1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri elfejn u ħames mitt euro (€2,500), iżda jkun iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250), il-piena ta' priġunerija minn tmien xhur sa erbatax il-xahar;'*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (d) li jiddisponi s-segwenti*: 'l-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena'.* L-allegat reat in kwistjoni sehh fit-23 t' Awwissu, 2006. In segwitu, il-prosekuzzjoni kienet baghtet ghall-akkuzat biex tinvestigah nhar it-13 t' Ottubru, 2010, pero minkejja dan u cioe' li l-azzjoni kienet ser taqa' preskritta fl-24 t' Awwissu 2011, l-istess prosekuzzjoni ghogbitha tkaxkar saqajha u tressaq lill-akkuzat il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014 u ghalhekk tmien snin wara li sehh l-allegat reat. Ghalhekk, stante li l-ewwel notifika li din il-Qorti ghandha dwar l-akkuzat ghall-akkuza odjerna hija dik ta' 28 ta' Majju, meta tressaq il-Qorti (Fol. 31 Vol 1) l-akkuza odjerna hi wkoll preskritta ai terminu tal-artikolu ndikat *supra.*

**<u>Fit-tnax-il lok</u>**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghall-hamsa u hamsin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament f'dawn il-gzejjer fis-17 t' Awwissu, 2006 ghal habta ta' 5.15pm allegatament ikkommeta serq t'oggetti minn vettura tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni GBE013, liema serq hu kkwalifikat bil-valur (jeccedi 232.94 Euro izda ma jeccedix 2329.37 Euro) u bix-xorta tal-haga misruqa ai termini tal-Artikolu 267 u 271(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn jiddisponu is-segwenti:

> *267. Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94)*
>
> *'271. Is-serq huwa ikkwalifikat bix-"xorta tal-ħaġa misruqa" - (g) meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura*

Il-piena applikabbli f'kaz ta' htija hija dik kif disposta skond l-Artikolu 279(1)(a),280(1) u 281(a) tal-Kodici Kriminali, fejn l-akkuzat jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija

ghal zmien ta' mhux inqas minn hames xhur izda mhux iktar minn tlett snin u l-piena ma tistax tinghata fil-*minimum* kif rilevat iktar l-isfel:

> *279. Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel - (a) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin'*
>
> *280. (1) Meta s-serq msemmijin ikkwalifikat bil-"valur" ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-ħati jeħel, skont il-każ, il-pieni fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda dawn ma jingħatawx fil-minimum tagħhom*
>
> *281. Il-ħati ta' serq ikkwalifikat biss bil-"persuna", bil-"lok", bil-"ħin" jew bix-"xorta tal-ħaġa misruqa", jeħel - (a) jekk is-serq ikun akkumpanjat b'waħda biss mill-erba' kwalifiki hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn seba' xhur sa sentejn;*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (d) li jiddisponi s-segwenti: *'l-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena'.* L-allegat reat in kwistjoni sehh fis-17 t' Awwissu, 2006. In segwitu, il-prosekuzzjoni kienet baghtet ghall-akkuzat biex tinvestigah nhar it-13 t' Ottubru, 2010, pero minkejja dan u cioe' li l-azzjoni kienet ser taqa' preskritta fl-18 t' Awwissu 2011, l-istess prosekuzzjoni ghogbitha tkaxkar saqajha u tressaq lill-akkuzat il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014 u ghalhekk tmien snin wara li sehh l-allegat reat. Ghalhekk, stante li l-ewwel notifika li din il-Qorti ghandha dwar l-akkuzat ghall-akkuza odjerna hija dik ta' 28 ta' Mejju, meta tressaq il-Qorti (Fol. 31 Vol 1) l-akkuza odjerna hi wkoll preskritta ai terminu tal-artikolu ndikat *supra.*

**<u>Fit-tlettax-il lok</u>**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghall-sebgha u hamsin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament f'dawn il-gzejjer fis-25 ta' Gunju, 2006 ghal habta ta' 2.00am u 9.45 am, minn Triq il-Kbira, is-Siggiewi allegatament ikkommetta serq ta' par tarek mill-vettura Skoda 120L bin-numru ta' registrazzjoni DAL623, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa ai termini tal-Artikolu 261(g) u 271(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 271(g) jiddisponi is-segwenti:

> *271. Is-serq huwa ikkwalifikat bix-"xorta tal-ħaġa misruqa" - (g) meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura*

Il-piena applikabbli f'kaz ta' htija hija dik kif disposta skond l-Artikolu 281(a) tal-Kodici Kriminali, fejn l-akkuzat jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn seba'xhur izda mhux iktar minn sentejn.

> *281. Il-ħati ta' serq ikkwalifikat biss bil-"persuna", bil-"lok", bil-"ħin" jew bix-"xorta tal-ħaġa misruqa", jeħel - (a) jekk is-serq ikun akkumpanjat b'waħda biss mill-erba' kwalifiki hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn seba' xhur sa sentejn;*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (d) li jiddisponi s-segwenti*: 'l-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena'.* L-allegat reat in kwistjoni sehh fil-25 ta' Gunju, 2006. In segwitu, il-prosekuzzjoni kienet baghtet ghall-akkuzat biex tinvestigah nhar it-13 t' Ottubru, 2010, pero minkejja dan u cioe' li l-azzjoni kienet ser taqa' preskritta fl-26 ta' Gunju, 2011, l-istess prosekuzzjoni ghogbitha tkaxkar saqajha u tressaq lill-akkuzat il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014 u ghalhekk tmien snin wara li sehh l-allegat reat. Ghalhekk, stante li l-ewwel notifika li din il-Qorti ghandha dwar l-akkuzat ghall-akkuza odjerna hija

dik ta' 28 ta' Majju, meta tressaq il-Qorti (Fol. 31 Vol 1) l-akkuza odjerna hi wkoll preskritta ai terminu tal-artikolu ndikat *supra.*

**<u>Fl-erbatax-il lok</u>**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghat-tmienja u hamsin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament f'dawn il-gzejjer fis-23 t' Awwissu, 2006 u fil-jiem, gimghat u/jew xhur ta' qabel, minn ghalqa fit-Triq il-Wied, Iklin allegatament ikkommetta serq ta' par tarek mill-vettura Mercedes Benz 200 bin-numru ta' registrazzjoni AAU561, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa ai termini tal-Artikolu 261(g) u 271(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artikolu 271(g) jiddisponi is-segwenti:

> *271. Is-serq huwa ikkwalifikat bix-"xorta tal-ħaġa misruqa" - (g) meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura*

Il-piena applikabbli f'kaz ta' htija hija dik kif disposta skond l-Artikolu 281(a) (minkejja li l-Avukat Generali ccita s-sub-inciz (b) fil-Kap. tal-Akkuza rilevanti) tal-Kodici Kriminali, fejn l-akkuzat jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn seba'xhur izda mhux iktar minn sentejn.

> *281. Il-ħati ta' serq ikkwalifikat biss bil-"persuna", bil-"lok", bil-"ħin" jew bix-"xorta tal-ħaġa misruqa", jeħel - (a) jekk is-serq ikun akkumpanjat b'waħda biss mill-erba' kwalifiki hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn seba' xhur sa sentejn;*

Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (d) li jiddisponi s-segwenti*: 'l-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena'.* L-allegat reat in kwistjoni sehh fit-23 t' Awwissu, 2006. In segwitu, il-prosekuzzjoni kienet baghtet ghall-akkuzat biex tinvestigah nhar it-13 t' Ottubru,

2010, pero minkejja dan u cioe' li l-azzjoni kienet ser taqa' preskritta fl-24 t' Awwissu, 2011, l-istess prosekuzzjoni ghogbitha tkaxkar saqajha u tressaq lill-akkuzat il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014 u ghalhekk tmien snin wara li sehh l-allegat reat. Ghalhekk, stante li l-ewwel notifika li din il-Qorti ghandha dwar l-akkuzat ghall-akkuza odjerna hija dik ta' 28 ta' Mejju, meta tressaq il-Qorti (Fol. 31 Vol 1) l-akkuza odjerna hi wkoll preskritta ai terminu tal-artikolu ndikat *supra.*

**Fil-hmistax-il lok**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghad-disgha u hamsin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament l-akkuzat nhar it-23 ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' Peugeot Partner bin-numru GBE013 ma dawk misruqa mill-vettura Mercedes-Benz 200 bin-numru AAU561 u dan kif dispost fl-Artikolu 188(1) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi s-segwenti:

> *'188. (1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:*
>
> *Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla*

Illi ghalhekk skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (d) li jiddisponi s-segwenti*: 'l-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena'.* L-allegat reat in kwistjoni sehh fit-23 t' Awwissu, 2006. In segwitu, il-prosekuzzjoni kienet baghtet ghall-akkuzat biex tinvestigah nhar it-13 t' Ottubru, 2010, pero minkejja dan u cioe' li l-azzjoni kienet ser taqa' preskritta fl-24 t'

Awwissu, 2011, l-istess prosekuzzjoni ghogbitha tkaxkar saqajha u tressaq lill-akkuzat il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014 u ghalhekk tmien snin wara li sehh l-allegat reat. Ghalhekk, stante li l-ewwel notifika li din il-Qorti ghandha dwar l-akkuzat ghall-akkuza odjerna hija dik ta' 28 ta' Majju, meta tressaq il-Qorti (Fol. 31 Vol 1) l-akkuza odjerna hi wkoll preskritta ai terminu tal-artikolu ndikat *supra.*

**Fis-sittax-il lok**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghas-sittin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament - akkuzat nhar it-23 ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan billi biddel it-tarek tar-reġistrazzjoni ta' Peugeot 106 bin-numru EAK303 ma dawk misruqa mill-vettura Skoda 120L bin-numru DAL623 u dan kif dispost fl-Artikolu 188(1) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi s-segwenti:

> *'188. (1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa:*
>
> *Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla*

Illi ghalhekk skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (d) li jiddisponi s-segwenti*: 'l-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena'.* L-allegat reat in kwistjoni sehh fit-23 t' Awwissu, 2006. In segwitu, il-prosekuzzjoni kienet baghtet ghall-akkuzat biex tinvestigah nhar it-13 t' Ottubru, 2010, pero minkejja dan u cioe' li l-azzjoni kienet ser taqa' preskritta fl-24 t' Awwissu, 2011, l-istess prosekuzzjoni ghogbitha tkaxkar saqajha u tressaq lill-akkuzat

il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014 u ghalhekk tmien snin wara li sehh l-allegat reat. Ghalhekk, stante li l-ewwel notifika li din il-Qorti ghandha dwar l-akkuzat ghall-akkuza odjerna hija dik ta' 28 ta' Majju, meta tressaq il-Qorti (Fol. 31 Vol 1) l-akkuza odjerna hi wkoll preskritta ai terminu tal-artikolu ndikat *supra.*

**<u>Fis-sbatax-il lok</u>**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghall-wiehed u sittin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament akkuzat nhar it-23 ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), ġewwa Ħal-Qormi ghamel uzu minn numru t'identifikazzjoni xorta ohra minn dak moghti mill-pulizija jew mill-awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi uza zewg pari tarek ta' registrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u cioe' numru AAU561 minflok in-numru originali GBE013 skont l-Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula s-segwenti:

> *(1A) Kull persuna li tagħmel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat u, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.'*

F'kaz ta' htija, l-piena applikabbli hija dik ta' multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien. Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (e) li jiddisponi s-segwenti*: 'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet'*. Konsegwentament, stante li l-prosekuzzjoni kienet diga taf dwar l-akkuzat fit-13 t' Ottubru, 2010 u tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kienu ghaddew u ghalhekk din

l-Onorabbli Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dan il-Kap. tal-akkuza u tiddikjara preskritta.

**<u>Fit-tmintax-il lok</u>**, l-Avukat difensur jaghmel referenza ghat-tnejn u sittin Kap. tal-Akkuza li tirreferi ghal akkuza li allegatament akkuzat nhar it-23 t' Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010), f'Hal Qormi ghamel uzu minn numru t'identifikazzjoni xorta ohra minn dak moghti mill-pulizija jew mill-awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari u dan billi uza zewg pari tarek ta' registrazzjoni ta' vettura oltre minn dawk assenjati lill-istess vetturi, u cioe' numru DAL623 minflok in-numru originali EAQ303 skont l-Artikolu 15(1A) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula s-segwenti:

> *(1A) Kull persuna li tagħmel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort' oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorità dwar xi vettura bil-mutur partikolari tkun ħatja ta' reat u, meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.'*

F'kaz ta' htija, l-piena applikabbli hija dik ta' multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien. Illi skond l-Artikolu 688 tal-Kap. 9, il-perjodu preskrittiv ta' dan ir-reat huwa dak ta' sentejn kif previst fis-sub-inciz (e) li jiddisponi s-segwenti*:* *'Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni: bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet'*. Konsegwentament, stante li l-prosekuzzjoni kienet diga taf dwar l-akkuzat fit-13 t' Ottubru, 2010 u tressaq il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2014, il-perjodu preskrittiv ta' sentejn kienu ghaddew u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti qedgha tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rigward dan il-Kap. tal-akkuza u tiddikjara preskritta.

F'dawn il-Kapi tal-Akkuzi fuq citati, l-Avukat Generali jaghmel referenza wkoll ghall-akkuza tar-recidiva fejn allura f'kaz ta' htija jista' jkun hemm zieda fil-piena, pero' meta l-Qorti tigi biex tqis il-perjodu taz-zmien tar-reat ai fini tal-preskrizzjoni hija ma tiehux in konsiderazzjoni r-recediva stante li z-zieda fil-piena li tista' tinghata mill-Qorti hija wahda diskrezzjonali u fil-fatt l-Artikolu 689 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

*'Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva'*

Ir-ragunament ta' din il-Qorti huwa komfortat f'sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Vella** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar, 2012 li taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Joseph Borg'** tal-10 ta' Mejju, 2000, fejn il-Qorti qalet hekk:

*'Iż-żieda fil-piena stabbilita bl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali għandha tittieħed in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe' sabiex jiġi detrminat taħt liema wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 688 għandu jiġi kkonsidrat id-delitt in kwistjoni. Infatti l-artikolu 689 jgħid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wieħed m'għandux jieħu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi ż-żmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skużi jew ċirkostanzi attenwanti; u (b) **żieda fil-piena minħabba r-reċidiva**.'*

Dan l-insenjament gie ripetut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Allan Grima** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-16 t' Ottubru, 2020, meta ghamlet referenza ghas-sentenza sucitata:

*'Il-Qorti sejra issa taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (per Imhallef Vincent Degaetano) fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija v Joseph Borg**" deciza fl-10 ta' Mejju, 2000:*

*"5. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, sedenti l-kompjant Imhallef Fortunato Mizzi, fis-Sentenza ta' l-4 ta' Novembru, 1976 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Grazio Zerafa**, iz-zieda fil-piena stabbilita bl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali ghandha tittiehed in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat it-terminu tal-preskrizzjoni, u cioe' sabiex jigi determinat taht liema wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-Artikolu 688 ghandu jigi kunsidrat id-delitt in kwistjoni. In fatti l-Artikolu 689 jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni: dawn huma (a) skuzi jew cirkostanzi attenwanti u (b) zieda fil-piena minhabba r-recidiva. Iz-zieda fil-piena minhabba l-kontinwat mhix imsemmija f'dana l-Artikolu 689. Fil-ligi taghna ir-reat kontinwat, li kien gie mudellat fuq l-Artikolu 79 tal-Codice Zanardelli, u meqjus bhala forma sui generis ta' konkors ta' reati, bil-partikolarita' li d-diversi reati jitqiesu bhala reat wiehed."*

*Din il-Qorti taqbel ma' dak ritenut u hawn fuq citat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Joseph Borg**". Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 689 tal-Kap. 9 li jghid:*

*"Ghall-effetti tal-preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun oridinarjament suggett, apparti kull skuza jew cirkostanza ohra partikolari li, minhabba fiha, skond il-ligi, r-reat ikun suggett ghal piena izghar; lanqas ma ghandhu jittiehed qies taz-zieda fil-piena minhabba recidiva."*

*Dan l-artikolu, kif gustament qalet il-Qorti fis-Sentenza hawn fuq riferita "**Il-Pulizija vs Joseph Borg**", jghid espressament liema huma dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni. Jigi nnutat li l-artikolu 689 tal-Kap. 9 tinkludi r-recidiva bhala wahda minn dawk l-affarijiet li wiehed m'ghandux jiehu in konsiderazzjoni sabiex*

*jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni. Issa l-artikolu 50 tal-Kap. 9 jghid: "Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ........... tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena*___***." Li kieku l-legislatur ried jinkludi r-recidiva f'dan l-artikolu bhala haga li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni sabiex jistabilixxi z-zmien tal-preskrizzjoni ma kienx jghidha espressament f'dan l-artikolu – ubi voluit dixit, ubi noluit tacuit.***___ (sottolinejar ta' din il-Qorti)

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddikjara li l-eccezzjoni 2B sollevata mid-difiza ghandha tigi milqugha fit-totalita' taghha u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur